



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 15.11.2011
KUMM(2011) 753 finali

2011/0368 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għal appoġġ
finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-
kriminalità u l-ġestjoni tar-riskji**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-politiki fir-rigward tal-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja qed jikbru b'mod kontinwu fl-importanza matul l-aħħar snin. Dawn il-politiki huma fil-qalba tal-proġett Ewropew għall-ħolqien ta' żona mingħajr fruntieri interni fejn iċ-ċittadini tal-UE u iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu jistgħu jidħlu, jiċċirkulaw, jgħixu u jaħdmu, iġibu ideat ġodda, kapital, għarfien u innovazzjoni jew il-mili ta' spazji vojta fis-swieq tax-xogħol nazzjonali, b'kunfidenza li d-drittijiet tagħhom se jiġu rispettati b'mod sħiħ u li s-sigurtà tagħhom hija żgurata. L-importanza dejjem tikber tal-politiki tal-affarijiet interni ġiet ikkonfermata bil-Programm ta' Stokkolma tal-2009¹, u hija wkoll waħda mill-oqsma li rat bidliet importanti taħt it-Trattat ta' Lisbona.

Fil-qasam tas-Sigurtà Interna, id-dokumenti ewlenin bħall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija għas-Sigurtà Interna² provdew gwida ċara dwar id-direzzjoni ta' attivitajiet fis-snin li ġejjin. Is-sigurtà interna hija qasam fejn l-Unjoni se tkun qed tiffaċċja sfidi importanti. It-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, it-traffikar tad-drogi, il-korruzzjoni, iċ-ċiberkriminalità, it-traffikar tal-bnedmin u l-armi se jibqgħu jpoġġu theddidiet serji. Il-livelli aggregati ta' kriminalità huma antiċipati li jibqgħu stabbli iżda n-natura tal-kriminalità hija mistennija li tinbidel bi kriminali li jużaw teknoloġiji ġodda biex iwettqu delitti. Il-kriminalità transkonfinali u organizzata hi mistennija li tiżdied u ssir iżjed sofistikata u internazzjonali fin-natura tagħha. Xi tipi ta' delitti bħal frodi, ħasil tal-flus u ċiberkriminalità, huma mistennija li jikbru. Għandhom jittieħdu wkoll iżjed azzjonijiet għall-protezzjoni tal-infrastruttura kritika tal-Unjoni b'mod iżjed effettiv notevolment kontra attacchi terroristiċi u għall-iżvilupp ta' approċċ mill-Unjoni integrat għall-ġestjoni tar-riskji u tal-kriżi. Sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi kollha fil-futur, azzjonijiet imtejba fuq livell tal-Unjoni huma essenzjali biex ikun hemm suċċess fil-protezzjoni taċ-ċittadini minn theddidiet transnazzjonali dejjem jiżdiedu u appoġġ għax-xogħol operazzjonali mwettaq mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, inkluż permezz ta' finanzjament xieraq tal-Unjoni. F'dan il-kuntest, il-Programm ta' Stokkolma b'mod espliċitu sejjaħ għall-ħolqien ta' Fond sabiex jappoġġja l-implimentazzjoni tal-Istrateġija għas-Sigurtà Interna u approċċ koerenti u komprensiv għal kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi, inkluża l-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni.

F'dan l-isfond, fil-proposta tagħha tad-29 ta' Ġunju 2011 fuq il-qafas finanzjarju multiannwali li jmiss għall-perjodu 2014-2020³, il-Kummissjoni ssuġġeriet li jiġi stabbilit Fond għas-Sigurtà Interna, bħala parti minn struttura simplifikata b'żewġ Fondi għal nefqa fil-futur fil-qasam tal-affarijiet interni li jinkludi wkoll Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil. Il-Fond għas-Sigurtà Interna se jkollu baġit globali ta' EUR 4,648 miljun (fi prezzijiet attwali) għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-ħames għanijiet strateġiċi stabbiliti mill-Istrateġija għas-Sigurtà Interna: it-tfixkil tan-netwerks tal-kriminalità internazzjonali, il-prevenzjoni tat-terroriżmu u l-indirizzar tar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ, iż-żieda fil-livelli tas-sigurtà għal ċittadini u negozji fiċ-ċiberspazju, it-tisħiħ tas-sigurtà permezz tal-ġestjoni fil-fruntieri u għaż-żieda tar-reżiljenza tal-Ewropa għal kriżijiet u diżastri.

¹ ĠU C 115 tal-4.5.2010, p. 1.

² COM (2010) 673 finali.

³ COM (2011) 500 finali.

Minħabba l-bażijiet differenti tat-Trattat għall-firxa wiesgħa ta' għanijiet strateġiċi li għandhom jiġu koperti, mhuwiex legalment possibbli li jiġi stabbilit il-Fond għas-Sigurtà Interna bħala strument finanzjarju wieħed. Għaldaqstant hu propost li jiġi stabbilit Fond bħala qafas ta' finanzjament komprensiv, li jinkludi żewġ proposti speċifiċi għas-settur – li din hija waħda minnhom -, ikkumplimentati bi strument orizzontali li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni. .

L-arkitettura legali hija spjegata f' iżjed dettall taħt it-Taqsima 3.

2. RIŻULTATI TA' KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Skont l-enfasi ikbar imqiegħda fuq l-evalwazzjoni bħala għodda sabiex it-tfassil tal-politika jkun infurmat, din il-proposta hija infurmata b' riżultati ta' evalwazzjoni, konsultazzjoni ma' partijiet interessati u l-valutazzjoni tal-impatt.

Il-ħidma fuq il-preparazzjoni tal-istrumenti finanzjarji fil-futur għal affarijiet interni bdiet fl-2010 u kompliet fl-2011. Bħala parti minn din il-ħidma preparatorja, studju ta' evalwazzjoni/valutazzjoni tal-impatt tnieda f'Diċembru 2010 bl-għajnuna ta' kuntrattur estern. Dan l-istudju tlesta f'Lulju 2011 u għabar ir-riżultati ta' evalwazzjoni disponibbli għall-istrumenti finanzjarji eżistenti u ta informazzjoni dwar il-problemi, l-għanijiet u l-opzjonijiet ta' politika, inkluż l-impatt probabbli tagħhom, eżaminati fil-valutazzjoni tal-impatt. Abbażi ta' dan l-istudju, il-Kummissjoni ppreparat rapport ta' valutazzjoni tal-impatt li fuqu l-Bord tal-Valutazzjoni tal-Impatt ta l-opinjoni tiegħu fid-9 ta' Settembru 2011.

Skont l-enfasi ikbar li qed titpoġġa fuq l-evalwazzjoni bħala għodda sabiex it-tfassil tal-politika jkun infurmat, din il-proposta leġislattiva kkunsidrat ukoll b' mod sħiħ l-evalwazzjoni ta' nofs il-perjodu formali tal-Programm Ġenerali dwar Is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet⁴, li tkopri l-implimentazzjoni tal-programmi ISEC (Il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità) u CIPS (il-Prevenzjoni, it-Tħejjija u l-Ġestjoni tal-Konsegwenzi tat-Terroriżmu u riskji oħrajn relatati mas-Sigurtà) bejn l-2007 u l-2009. Fir-rapport tagħha tas-16 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni evalwat l-aspetti kwantitattivi u kwalitattivi tal-implimentazzjoni tal-Programmi u r-riżultati miksuba, inklużi elenkar xieraq tal-attivitajiet tal-programm, analiżi tal-prestazzjoni tal-proġetti ffinanzjati, u reviżjoni tal-istrumenti u l-mekkaniżmi tal-implimentazzjoni sabiex jiġu identifikati miżuri korrettivi possibbli.

Ir-riżultati ta' konsultazzjoni pubblika ddedikata online fuq il-futur tal-finanzjament tal-affarijiet interni⁵, li bdiet mill-5 ta' Jannar sal-20 ta' Marzu 2011 u li kienet miftuħa għall-partijiet interessati minn ġol-Unjoni u minn pajjiżi terzi, ġew kollha kkunsidrati fil-preparazzjoni ta' din il-proposta. Total ta' 115-il rispostta ġew irċevuti minn individwi u għannom ta' organizzazzjonijiet, inklużi 8 dokumenti ta' pożizzjoni. Diversi partijiet li taw tweġiba mill-Istati Membri kollha kkontribwixxew għall-konsultazzjoni kif ukoll oħrajn f' xi pajjiżi terzi.

⁴ COM (2011) 318 finali tas-16 ta' Ġunju 2011: Komunikazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' nofs il-perjodu tal-Programm Qafas "Is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet" (2007-2013).

⁵ Id-dokumenti u rapport ta' konsultazzjoni dwar ir-riżultati tal-konsultazzjoni huma disponibbli fuq il-websajt tad-DĠ Affarijiet Interni: http://ec.europa.eu/home-affairs/news/consulting_public/consulting_0020_mt.htm

F'April 2011 il-konferenza "Il-futur tal-finanzjament tal-UE għall-Affarijiet Interni: Ħarsa ġdida" laqqgħet flimkien il-partijiet interessati prinċipali (l-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili eċċ) u tagħthom l-opportunita biex jaqsmu l-fehmiet tagħhom dwar il-futur ta' finanzjament tal-Unjoni għall-affarijiet interni. Il-konferenza kienet ukoll okkażjoni biex jiġi vvalidat ir-riżultat tal-analiżi u l-konsultazzjoni pubblika.

Il-futur tal-finanzjament tal-UE għal affarijiet interni tqajjem u ġie diskuss ma' partijiet interessati istituzzjonali f'diversi okkażjonijiet, inkluża diskussjoni informali f'ħin l-ikel waqt il-Kunsill ĠAI tal-21 ta' Jannar 2011, kolazzjon informali mal-koordinaturi politiċi tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Jannar 2011, fis-seduta tal-Kummissarju Malmström quddiem il-Komitat SURE tal-10 ta' Marzu 2011 u waqt skambju ta' fehmiet bejn id-Direttur-Ġenerali tad-DĠ għall-Affarijiet Interni u l-Komitat LIBE tal-Parlament tas-17 ta' Marzu 2011.

Pariri esperti speċifiċi dwar l-istrumenti finanzjarji fil-futur fil-qasam tas-Sigurtà Interna ġew provduti permezz ta' diskussjonijiet li seħħew fil-laqgħa COSI fil-5 ta' Ottubru 2010 fejn skambju preliminari tal-fehmiet saret ma' rappreżentanti tal-Istati Membri u rappreżentanti tal-aġenziji (l-Eurojust, l-Europol, is-CEPOL u l-Frontex) u waqt il-Konferenza EOS dwar l-Industrija u s-Sigurtà tad-9 ta' Frar 2011. Barra minn hekk, l-aspetti tekniċi konnessi mal-implimentazzjoni tal-istrument finanzjarju fil-futur fil-qasam tas-Sigurtà Interna ġew diskussi wkoll mal-esperti tal-Istati Membri fil-laqgħat tal-15 ta' Frar u t-18 ta' Lulju 2011 taż-żewġ kumitati għall-Programm Ġenerali dwar is-Sigurtà u s-Salvagwardjar tal-Libertajiet (ISEC u CIPS).

Dawn il-konsultazzjonijiet, konferenzi u diskussjonijiet bejn esperti kkonfermaw li hemm qbil globali fost il-partijiet interessati ewlenin dwar il-ħtieġa li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-azzjoni għal finanzjament tal-Unjoni fil-qasam tas-sigurtà interna, inklużi fir-rigward tad-dimensjoni esterna, u ħtieġa għall-ħidma lejn iżjed simplifikazzjoni fil-mekkaniżmi ta' kunsinna u iżjed flessibbiltà, notevolment biex jirrispondu għal emerġenzi. Sabiex jizzied il-valur, in-nefqa tal-Unjoni għandha tirrifletti aħjar il-prijoritajiet fuq livell tal-Unjoni u l-impenji strateġiċi u għandha tappoġġja l-implimentazzjoni tal-acquis tal-affarijiet interni tal-Unjoni. Fil-qasam tas-sigurtà interna, il-partijiet interessati kkunsidraw li l-prijoritajiet tematiċi wesgħin diġà ġew stabbiliti mill-Programm ta' Stokkolma tal-2009 u l-Istrateġija għas-Sigurtà Interna tal-2010. Mekkaniżmu ta' finanzjament fil-futur għandu għaldaqstant jiġi definit b'mod komprensiv, li jkun jinkludi l-infurzar tal-liġi, il-gwardji fil-fruntieri u l-komunitajiet tad-dwana. Il-ħtieġa li jsir użu akbar mill-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, bħal Europol u Frontex ġiet ikkunsidrata importanti wkoll. Kien hemm appoġġ wiesa' għat-tnaqqis tan-numru ta' strumenti finanzjarji għal struttura ta' żewġ Fondi bil-kundizzjoni li din twassal għal simplifikazzjoni. Il-partijiet interessati qablu wkoll dwar il-ħtieġa għal mekkaniżmu flessibbli ta' intervent ta' emerġenza. Il-ġestjoni kondiviża b'ċaqliq għal programmar multiannwali tqieset b'mod ġenerali bħala l-mod ta' ġestjoni xieraq għal nefqa fl-affarijiet interni. L-organizzazzjonijiet mhux governattivi, madankollu, kienu tal-fehma li l-ġestjoni diretta għandha titkompla wkoll.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Id-dritt ta' azzjoni ġej mill-Artikolu 3 (2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea li jgħid li "l-Unjoni għandha toffri liċ-ċittadini tagħha spazju ta' libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja mingħajr fruntieri interni, li fih il-moviment liberu tal-persuni jkun assigurat flimkien ma' miżuri xierqa

f'dak li jirrigwarda l-kontrolli tal-fruntieri esterni, l-asil, l-immigrazzjoni kif ukoll il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġlieda kontriha”.

L-azzjoni tal-Unjoni hi ġġustifikata fuq il-bażijiet tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 67 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni (TFUE), minn issa 'l quddiem imsejjaħ bħala “it-Trattat”, li jistabbilixxi l-mezzi li jikkostitwixxu spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

Ir-Regolament hu bbażat fuq bażijiet legali multipli fit-Titolu V tat-Trattat fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja (Artikoli 82 (1), 84 u 87 (2) TFUE). Dawn l-artikoli jikkostitwixxu bażijiet legali kompatibbli fid-dawl tal-partikolaritajiet legali li japplikaw għat-teħid ta' deċiżjonijiet taħt dan it-Titolu.

Minħabba regoli differenti fil-votazzjoni fil-Kunsill li jirriżultaw minn ġeometrija varjabbli skont il-Protokollu 19 (fuq l-acquis ta' Schengen), 21 (il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-qasam tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja) u 22 (il-pożizzjoni tad-Danimarka, inkluża b'rabta mat-Titolu V, parti tlieta tat-Trattat), mhuwiex legalment possibbli li titħejja proposta leġiżlattiva komprensiva waħda għall-Fond għas-Sigurtà Interna, minkejja l-koerenza tal-għanijiet ta' politika li għandhom jiġu indirizzati.

Il-Fond għas-Sigurtà Interna hu għaldaqstant maħluq bħala qafas ta' finanzjament komprensiv li hu magħmul minn żewġ atti separati, li jistabbilixxu l-komponenti differenti tal-Fond u li jistabbilixxi l-għanijiet, l-azzjonijiet eliġibbli u l-pakketti ta' kull komponent;

- Regolament li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond, il-komponent għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tar-riskji;
- Regolament li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond, il-ġestjoni tal-fruntieri u komponent ta' politika ta' viża komuni.

Fi ħdan il-qafas komprensiv tal-Fond għas-Sigurtà Interna, dan ir-Regolament għandu jipprovdi appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, l-iskambju tal-informazzjoni u l-aċċess għaliha, il-prevenzjoni kontra l-kriminalità u l-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali u kif ukoll dik serja u organizzata, li tinkludi t-terroriżmu, il-protezzjoni tan-nies u infrastruttura kritika kontra l-inċidenti marbuta mas-sigurtà u l-ġestjoni effettiva tar-riskju marbuta mas-sigurtà filwaqt li jiġu kkunsidrati l-politiki tal-Unjoni (strateġiji, programmi u pjanijiet ta' azzjoni), leġiżlazzjoni, kooperazzjoni Prattika u valutazzjonijiet ta' theddid u riskju. Bħala konsegwenza, iż-żewġ programmi li attwalment jipprovdu appoġġ finanzjarju għal dan il-qasam ta' politika (ISEC, CIPS) għandhom jiġu revokati b'effett mill-1 ta' Jannar 2014, suġġetti għar-regoli tranżitorji. Safejn huwa kkonċernat il-programm CIPS (Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/124/KE, EURATOM), dan mhuwiex possibbli fi ħdan il-qafas ta' dan ir-Regolament, iżda jeħtieġ att legali separat minnħabba r-regoli differenti fil-votazzjoni taħt il-bażi legali doppja tiegħu (KE/Euratom).

B'mod ġenerali, dan hu qasam fejn hemm b'mod ċar valur miżjud fl-interventi tal-Unjoni meta mqabbel mal-Istati Membri li jaġixxu waħedhom. L-Unjoni Ewropea tinsab f'pożizzjoni aħjar mill-Istati Membri biex tindirizza sitwazzjonijiet transkonfinali u biex tipprovdi pjattaforma għal approċċi komuni, appoġġ finanzjarju provdut taħt dan ir-Regolament jikkontribwixxi b'mod partikolari għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet nazzjonali u Ewropej kif ukoll kooperazzjoni u koordinazzjoni transkonfinali, komunikazzjoni faċilitata u sigura, netwerking, fiduċja reċiproka u l-iskambju tal-informazzjoni u tal-aħjar Prattiċi. Madankollu, huwa kompletament rikonoxxut għandhom isiru interventi fil-livell xieraq u r-rwol tal-Unjoni

m'għandux imur lil hinn minn dak li hu meħtieġ. Kif enfasizzat ir-Reviżjoni tal-Baġit, il-“baġit tal-UE għandu jintuża sabiex jiffinanzja ġid pubbliku tal-UE, azzjonijiet li l-Istati Membri u r-reġjuni ma jistgħux jiffinanzjawhom huma stess, jew fejn jista' jikseb riżultati aħjar”⁶.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas multiannwali li jmiss tinkludi proposta ta' EUR 4.648 miljun (fi prezzijiet attwali) għall-Fond għas-Sigurtà Interna għall-perjodu 2014-2020. Fi ħdan dan il-pakkett globali, ir-riżorsi disponibbli b'mod indikattiv għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament Speċifiku jammontaw għal EUR 1 128 miljun. B'mod indikattiv, 50 % ta' dan l-ammont (EUR 564 miljun) għandu jintuża għal programmi nazzjonali tal-Istati Membri filwaqt li l-50 % l-oħra (EUR 564 miljun) għandu jiġi ċentralment ġestit għall-finanzjament ta' azzjonijiet tal-Unjoni, azzjonijiet ta' emerġenza u għajjnuna teknika

EUR miljun

Fond għas-Sigurtà Interna		4,648
<i>inklużi sistemi ġodda tal-IT</i>		
- Strument ta' kooperazzjoni tal-pulizija		1,128
- Strument tal-fruntiera		3,520

5. ELEMENTI EWLENIN TAL-PROPOSTA

- **Iffukar ċar fuq prijoritajiet strateġiċi**

Sabiex jiġi żgurat li jista' jinkiseb impatt suffiċjenti u dimostrabbli, dan ir-regolament jipproponi li l-perjodu 2014-2020 jikkonċentra l-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni fuq ħames prijoritajiet strateġiċi ewlenin (kif identifikati mill-istrateġija tas-sigurtà Interna tal-Unjoni):

- il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali, serja u organizzata;
- iż-żieda fil-livelli ta' sigurtà għaċ-ċittadini u n-negozju fl-ispazju ċibernetiku;
- il-prevenzjoni tat-terroriżmu u l-indirizzar tar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ;
- iż-żieda fil-kapaċitajiet biex tiġi protetta l-infrastruttura kritika fis-setturi ekonomiċi kollha;
- iż-żieda tar-reżiljenza tal-Ewropa għal kriżi u diżastru.

⁶ “Ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE”, COM (2010) 700, 19.10.2010.

Dawn il-prijoritajiet strateġiċi, li huma stabbiliti f'aktar dettall fl-anness ma' dan ir-Regolament, għandhom jiġu kkunsidrati mill-Istati Membri meta jabbozzaw il-programmi nazzjonali multiannwali tagħhom. Dawn jistgħu jiġu emendati fi kwalunkwe żmien bi proċedura ssimplifikata permezz ta' att delegat f'każ ta' riskji jew theddidiet ġodda emerġenti. Barra minn hekk, sabiex jiġu provduti inċentivi addizzjonali, ir-rata ta' kofinanzjament tal-UE għal miżuri nazzjonali li jimplementaw kwalunkwe minn dawn il-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni tista' tiżdied sa 90 %, skont ir-Regolament Orizzontali, minflok 75 %.

Il-miżuri konkreti appoġġjati b'dan ir-Regolament ikopru primarjament azzjonijiet li jsaħħu l-kapaċitajiet operazzjonali tal-Istati Membri, bħall-operazzjonijiet transkonfinali konġunti, l-iskambju tal-aħjar prattiċi, l-ittestjar u l-validazzjoni ta' metodoloġiji u teknoloġiji ġodda (biex jagħlqu l-ispace vojta għar-riċerka ta' sigurtà ffinanzjata mill-Unjoni), l-akkwist ta' tagħmir u infrastrutturi tekniċi, it-taħriġ u l-iskambju tal-persunal, l-attivitajiet analitiċi bħal valutazzjonijiet tar-riskji u t-theddid kif ukoll in-netwerking.

Sabiex tintuża b'mod aktar effettiv il-kompetenza u l-professjonalità tal-aġenziji rilevanti tal-Unjoni fil-qasam tal-affarijiet interni, il-Kummissjoni tipprevedi wkoll li tagħmel użu mill-possibbiltà offruta mir-Regolament Finanzjarju⁷ biex tafda fi ħdan ir-riżorsi disponibbli taħt dan ir-regolament, l-implimentazzjoni ta' kompiti operazzjonali speċifiċi lit-tali aġenziji fil-qafas tal-missjonijiet tagħhom u kumplimentari mal-programmi ta' ħidma tagħhom. Għall-kompiti koperti minn dan l-Istrument, dan jikkonċerna b'mod partikolari l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol), eż. għall-organizzazzjoni ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunta jew funzjoni ta' uffiċċju ta' informazzjoni Prüm, u l-Kulleġġ Ewropew ta' Taħriġ (Cepol), eż. għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' skemi Ewropej ta' Taħriġ, kurrikuli u moduli tematiċi komuni inklużi għall-persunal minn awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi minn pajjiżi terzi xierqa.

- **Distribuzzjoni ta' riżorsi disponibbli**

L-ammont totali għal dan l-Istrument għall-perjodu 2014-2020 jikkonsisti minn żewġ partijiet: il-baġit tal-Unjoni (EUR 1 128 miljun fi prezzijiet attwali) u l-kontribuzzjonijiet – li għandhom mhumieq magħrufa – mill-pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (in-Norveġja, l-Islanda, l-Isvizzera u l-Liechtenstein), li għandhom jipparteċipaw f'dan l-Istrument. Mill-Istati Membri, id-Danimarka mhijiex se tipparteċipa f'dan ir-Regolament u l-Irlanda u r-Renju Unit jistgħu jagħżlu li jipparteċipaw skont il-Protokollu rispettivi tagħhom.

L-ammont totali ta' EUR 1 128 miljun hu maqsum indaqs (proporzjon ta' 50/50): L-Istati Membri se jakkwistaw ammont indikattiv ta' EUR 564 miljun (fi prezzijiet attwali) għal programmi nazzjonali tagħhom (ġestjoni kondiviża) u għal azzjonijiet tal-Unjoni, l-għajnuna ta' emerġenza u l-assistenza teknika, il-Kummissjoni se timplimenta l-istess ammont indikattiv taħt ġestjoni diretta u indiretta.

Il-kriterji magħżula għall-allokazzjoni ta' fondi disponibbli lill-Istati Membri huma marbuta mal-oġġetti ewlenin li l-Istati Membri għandhom jipproteġu: il-popolazzjoni tagħhom, it-territorju tagħhom, il-persuni u l-merkanzija li jgħaddu mill-ajruporti, mill-portijiet u l-infrastruttura kritika Ewropea approvata skont il-liġi tal-Unjoni. Minahha li f'dan il-kontest,

⁷ Proposta tal-Kummissjoni – ir-Regolament dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit annwali tal-Unjoni (COM (2010) 815 finali 22.12.2010). Din il-proposta tikkostitwixxi irtirar formali mill-Kummissjoni ta' proposti leġiżlattivi preċedenti COM (2010) 71 finali u COM (2010) 260 finali.

ġew ikkunsidrati wkoll il-kapaċitajiet finanzjarji differenti tal-Istati Membri, il-Prodott Gross Domestiku tagħhom (fi proporzjon invers) żdied bħala l-ħames kriterju ta' allokkazzjoni.

- **Għajjnuna ta' emerġenza u azzjonijiet fil-pajjiżi terzi jew marbuta magħhom**

Ġew introdotti dispożizzjonijiet speċifiċi f'dan ir-regolament u fir-Regolament Orizzontali li jippermettu lill-Unjoni tiegħu azzjonijiet rapidi u effettivi fil-każ ta' kwalunkwe inċident marbut mas-sigurtà jew theddid emerġenti ġdid li għandhom jew jista' jkollhom impatt negattiv sinifikanti fuq is-sigurtà ta' persuni fi Stat Membru wieħed jew iżjed (sitwazzjoni ta' emerġenza). Din l-għajjnuna ta' emerġenza dejjem tiġi deċiża mill-Kummissjoni iżda tista' tiġi proposta wkoll minn Stati Membri, l-Aġenziji tal-Unjoni, Organizzazzjonijiet Internazzjonali jew il-kumitat taħt l-Artikolu 71 (COSI) rappreżentat mill-Istat Membru li jkollu l-Prezidenza tal-Kunsill. L-għajjnuna ta' emerġenza mhijiex limitata għall-Unjoni u tista' tinkludi wkoll miżuri f'pajjiżi terzi jew b'rabta magħhom.

Ġeneralment il-lista ta' azzjonijiet fil-pajjiżi terzi jew fir-rigward tagħhom li huma eliġibbli taħt dan ir-Regolament tiffoka fuq azzjonijiet operattivi għal żmien qasir li għandha impatt dirett fuq tas-sigurtà interna ta' l-Unjoni, bħall-operazzjonijiet transkonfinali konġunti, l-akkwist ta' tagħmir tekniku, il-miżuri l-iskambju u t-taħriġ, il-valutazzjonijiet dwar it-theddid u r-riskji, kif ukoll appoġġ finanzjarju għat-tqajjib ta' kuxjenza u attivitajiet ta' komunikazzjoni. Azzjonijiet fil-pajjiżi terzi huma implimentati primarjament mill-Kummissjoni permezz ta' ġestjoni diretta jew indiretta skont ir-Regolament Finanzjarju. Dawn l-azzjonijiet m'għandhomx ikunu mmirati direttament lejn l-iżvilupp u għandhom jikkomplimentaw kif inhu xieraq, l-għajjnuna finanzjarja provduta mill-istrumenti esterni ta' għajjnuna tal-Unjoni li jibqgħu s-sors ewlieni ta' finanzjament biex jgħinu l-pajjiżi terzi jibnu l-kapaċitajiet rilevanti tagħhom. Fl-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet, se jiġi mfittex li jkun hemm koerenza sħiħa mal-prinċipji u l-għanijiet ġenerali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni u l-politika barranija marbuta mal-pajjiż jew reġjun inkwistjoni. Il-komplimentarjetà se tiġi żgurata permezz ta' koordinazzjoni mtejbja mas-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna u s-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tar-riskji

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikoli 82 (1), 84 u 87 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea⁸,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġislativ lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni¹⁰,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislativa ordinarja,

Billi:

- (1) L-għan tal-Unjoni li jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà fi spazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (Artikolu 67 (3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni) għandu jinkiseb, inter alia, permezz ta' miżuri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità kif ukoll permezz ta' miżuri għal koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi rilevanti.
- (2) Sabiex jinkiseb dan l-għan, għandhom jittieħdu azzjonijiet imtejba fuq livell tal-Unjoni għall-protezzjoni ta' persuni u oġġetti minn theddidiet transnazzjonali dejjem jiżdiedu u għall-appoġġ tax-xogħol imwettaq mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. It-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, it-traffikar tad-droga, il-korruzzjoni, iċ-ċiberkriminalità, it-traffikar tal-bnedmin u l-armi, inter alia, jibqgħu jisfidaw is-sigurtà interna tal-Unjoni.
- (3) L-Istrateġija tas-Sigurtà Interna għall-Unjoni Ewropea, adottata mill-Kunsill fi Frar 2010¹¹, tikkostitwixxi aġenda kondiviża sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi tas-sigurtà komuni. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Novembru 2010 "L-Istrateġija fl-

⁸ ĠU C

⁹ ĠU C

¹⁰ ĠU C

¹¹ Dok. Tal-Kunsill 7120/10

Azzjoni tas-Sigurtà Interna tal-UE”¹² tittraduċi l-prinċipji u l-linji gwida tal-istrateġija f’azzjonijiet konkreti billi tidentifika ħames għanijiet strateġiċi: it-tfixkil tan-netwerks tal-kriminalità internazzjonali, il-prevenzjoni tat-terroriżmu u l-indirizzar tar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ, iż-żieda fil-livelli tas-sigurtà għal ċittadini u negozji fiċ-ċyberspazju, it-tiżiħ tas-sigurtà permezz tal-ġestjoni fil-fruntieri u għaż-żieda tar-reżiljenza tal-Ewropa għal kriżijiet u diżastri.

- (4) Is-solidarjetà fost l-Istati Membri, iċ-ċarezza dwar id-diviżjoni tal-kompiti, ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt kif ukoll l-iffukar b'saħħtu fuq il-perspettiva globali u l-konnessjoni inestrikabbli mas-sigurtà esterna għandhom ikunu l-prinċipji ewlenin li jiggwidaw l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tas-Sigurtà Interna.
- (5) Għall-promozzjoni tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija għas-Sigurtà Interna u sabiex jiġi żgurat li din issir realtà operazzjonali, l-Istati Membri għandhom ikunu provduti b'appoġġ finanzjarju xieraq tal-Unjoni billi jiġi stabbilit Fond għas-Sigurtà Interna.
- (6) Minħabba l-partikolaritajiet legali applikabbli għat-Titolu V tat-Trattat, mhuwiex legalment possibbli li jiġi stabbilit il-Fond għas-Sigurtà Interna bħala strument finanzjarju wieħed.
- (7) Il-Fond għandu għaldaqstant jiġi stabbilit bħala qafas komprensiv għal appoġġ finanzjarju tal-UE fil-qasam tas-sigurtà interna li jinkludi l-istrument stabbilit b'dan ir-Regolament kif ukoll l-Istrument stabbilit bir-Regolament (UE) Nru XXX/2012 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża¹³. Il-qafas komprensiv għandu jkun ikkomplementat bir-Regolament (UE) No XXX/2012¹⁴ li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għal kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżi.
- (8) Ir-riżorsi globali għal dan ir-Regolament u għar-Regolament (UE) No XXX/2012 li jistabbilixxi bħala parti mill-Fond ta' Sigurtà Interna, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għal fruntieri esterni u l-viża b'mod konġunt għandhom jistabbilixxu b'mod konġunt il-pakkett finanzjarju għat-tul taż-żmien kollu tal-Fond, li għandu jikkostitwixxi r-referenza primarja għall-awtorità baġitarja waqt il-proċedura baġitarja annwali skont il-Punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali.
- (9) Fi ħdan il-qafas komprensiv tal-Fond għas-Sigurtà Interna, l-għajnuna finanzjarja provduta taħt dan l-Istrument għandha tappoġġja l-kooperazzjoni tal-pulizija, l-iskambju tal-informazzjoni u l-aċċess għaliha, il-prevenzjoni kontra l-kriminalità, il-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali, serja u organizzata li tinkludi t-terroriżmu, il-protezzjoni tan-nies u l-infrastruttura kritika kontra l-inċidenti marbuta mas-sigurtà u l-ġestjoni effettiva tar-riskju u kriżijiet marbuta mas-sigurtà filwaqt li jiġu kkunsidrati l-politiki komuni (strateġiji, programmi u pjanijiet ta' azzjoni), il-leġiżlazzjoni u l-kooperazzjoni Prattika.

¹² COM (2010) 673 finali.

¹³ ĠU L

¹⁴ ĠU L

- (10) L-ghajjnuna finanzjarja f'dawn l-oqsma għandha b'mod partikolari tappoġġja azzjonijiet għall-promozzjoni ta' operazzjonijiet transkonfinali konġunti, l-aċċess għall-informazzjoni u l-iskambju taġġha, l-iskambju tal-aħjar prattiċi, komunikazzjoni u koordinazzjoni faċilitati u siguri, it-taħriġ u l-iskambju tal-persunal, attivitajiet analitiċi, ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, valutazzjonijiet komprensivi ta' theddid u riskji, attivitajiet li jżidu l-għarfien, l-ittestjar u l-validazzjoni ta' teknoloġiji ġodda, ir-riċerka tax-xjenza forensika u l-akkwist ta' taġġmir interoperabbli tekniku.
- (11) Fil-pajjiżi terzi u fir-rigward taġġhom għandhom jittieħdu miżuri permezz ta' dan l-istrument b'sinerġija u koerenza ma' azzjonijiet oħra barra l-Unjoni bl-appoġġ tal-istrumenti ta' għajjnuna esterna tal-Unjoni, kemm dawk ġeografiċi kif ukoll tematiċi. B'mod partikolari, fl-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet, se jiġi mfittex li jkun hemm koerenza sħiħa mal-prinċipji u l-għanijiet ġenerali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni u l-politika barranija marbuta mal-pajjiż jew reġjun inkwistjoni. M'għandhomx ikunu maħsuba biex jappoġġjaw azzjonijiet direttament orjentati lejn l-iżvilupp u għandhom jikkomplimentaw, meta xieraq, assistenza finanzjarja pprovduta permezz tal-istrumenti tal-għajjnuna esterna. Se jkun hemm ukoll sforzi għal koerenza fil-politika umanitarja tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' emerġenza.
- (12) Dan l-Istrument għandu jiġi implimentat b'rispett sħiħ tad-drittijiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
- (13) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni uniformi tal-Fond għas-Sigurtà Interna, il-baġit tal-Unjoni allokat għal dan l-istrument finanzjarju għandu jiġi implimentat permezz ta' ġestjoni kondiviża bl-eċċezzjoni ta' azzjonijiet ta' interess partikolari għall-Unjoni (azzjonijiet tal-Unjoni), għajjnuna ta' emerġenza u għajjnuna teknika, li huma implimentati f'ġestjoni diretta u indiretta.
- (14) Ir-riżorsi allokat lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni permezz tal-programmi nazzjonali taġġhom għandhom jittqassmu abbażi ta' kriterji ċari u oġġettivi marbuta mal-ġid pubbliku li għandu jiġi protett mill-Istati Membri u l-livell tal-kapaċità finanzjarja taġġhom sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà interna, bħad-daqs tal-popolazzjoni taġġhom, id-daqs territorjali taġġhom, in-numru ta' passiġġieri u merkanzija li jgħaddi mill-ajruporti internazzjonali u dawk tal-baħar, in-numru ta' infrastruttura kritika Ewropea u l-prodott gross domestiku taġġhom.
- (15) Sabiex jirrinforzaw is-solidarjetà u l-kondiviżjoni tar-responsabbiltà għal politiki, strateġiji u programmi komuni tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jiġu inkoraġġuti sabiex jużaw il-parti tar-riżorsi globali disponibbli għall-programmi nazzjonali għall-indirizzar tal-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni stabbiliti fl-anness ma' dan ir-Regolament. Għal proġetti li jindirizzaw dawn il-prijoritajiet, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-ispiża totali eliġibbli taġġhom għandha tiżdied għal 90 %, skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [Regolament Orizzontali].
- (16) Il-limitu massimu għal riżorsi li jibqgħu għad-dispożizzjoni tal-Unjoni għandu jkun ugwali għar-riżorsi allokat lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali taġġhom. Dan se jiżgura li l-Unjoni hija kapaċi tappoġġja f'sena baġitarja partikolari, azzjonijiet li huma ta' interess partikolari għall-Unjoni, bħal studji, ittestjar u validazzjoni ta' teknoloġiji ġodda, proġetti transnazzjonali, netwerking u skambju tal-aħjar prattiċi, monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-dritt rilevanti tal-Unjoni u l-politiki u l-azzjonijiet tal-Unjoni b'rabta ma' pajjiżi terzi u fihom. L-azzjonijiet

appoġġjati għandhom ikunu konformi mal-prijoritajiet identifikati fl-istrategġiji, il-programmi, il-pjanijiet ta' azzjoni u l-valutazzjonijiet tar-riskji u t-theddid rilevanti tal-Unjoni.

- (17) Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE biex tirreaġixxi immedjatament għal inċidenti marbuta mas-sigurtà jew theddidiet emerġenti ġodda għall-Unjoni, għandu jkun possibbli li tiġi provduta għajnuna ta' emerġenza skont il-mekkaniżmu ta' rispons rapidu stabbilit fir-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [Regolament Orizzontali].
- (18) Il-finanzjament mill-baġit tal-Unjoni għandu jikkonċentra fuq attivitajiet fejn l-intervent tal-Unjoni jista' jġib valur addizzjonali meta mqabbel ma' azzjoni tal-Istati Membri biss. Peress li l-Unjoni hi f'pożizzjoni aħjar mill-Istati Membri biex tindirizza sitwazzjonijiet transkonfinali u tipprovdi pjattaforma għal approċċi komuni, l-attivitajiet eliġibbli għall-appoġġ taħt dan ir-Regolament għandhom jikkontribwixxu b'mod partikolari għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet nazzjonali u Ewropej kif ukoll il-kooperazzjoni u koordinazzjoni transkonfinali, in-netwerking, il-fiduċja reċiproka u l-iskambju tal-informazzjoni u l-aħjar prattiċi.
- (19) Sabiex tissupplimenta jew temenda dispożizzjonijiet f'dan l-Istrument rigward id-definizzjoni tal-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu ddelegati lill-Kummissjoni li għandha ttwettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell espert. Il-Kummissjoni, meta tipprepara u tfassal atti delegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.
- (20) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi, effiċjenti u fil-ħin tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jingħataw lill-Kummissjoni. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali li jikkonċernaw il-mekkaniżmi għal kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tal-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.
- (21) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/125/ĠAI tat-12 ta' Frar 2007 li tistabbilixxi għall-perjodu tal-2007 sal-2013, bħala parti mill-Programm Ġenerali dwar is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet, il-Programm Spċifiku 'Prevenzjoni tal-Kriminalità'¹⁵ u l-Ġlieda Kontraha' għandu jitħassar, suġġett għad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali stabbiliti f'dan ir-Regolament.
- (22) Minħabba li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, fosthom it-tisħiħ tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, il-protezzjoni tan-nies u l-infrastruttura kritika kontra inċidenti marbuta mas-sigurtà u t-titjib tal-kapaċità tal-Istati Membri u l-Unjoni biex timmaniġġjaw b'mod effettiv ir-riskji u l-kriżijiet marbuta mas-sigurtà, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu jinkisbu aħjar fuq livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.

¹⁵ ĠU L 58 tal-24.2.2007, p. 7.

- (23) Fir-rigward tal-Islanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tal-acquis ta' Schengen li jaqa' fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 1, Punt H tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja fir-rigward tal-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen¹⁶.
- (25) Fir-rigward tal-Isvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp fid-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, Punt H tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim¹⁷.
- (26) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropa, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, Punt H tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/349/UE dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll¹⁸.
- (27) Skont l-Artikolu 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.
- (28) Skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzjoni anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzjoni għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda [*mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu / innotifikat ix-xewqa tagħha li tiegħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*].
- (29) Skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzjoni anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzjoni għall-Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll, ir-Renju Unit [*mhux qed jiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhux marbut bih jew suġġett għall-applikazzjoni tiegħu / innotifika x-xewqa tiegħu li jiegħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*].

¹⁶ ĠU L 176 tal-10.7.1999, p. 31.

¹⁷ ĠU L 53 tas-27.2.2008, p. 1.

¹⁸ ĠU L 160 tat-18.6.2011, p. 1.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Skop u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-istrument għal appoġġ finanzjarju għal ġestjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżi (minn issa 'l quddiem imsejjaħ bħala '*l-Istrument*'), bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna (minn issa 'l quddiem imsejjaħ bħala '*il-Fond*').

Flimkien mar-Regolament (UE) Nru XXX/2012 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument dwar l-appoġġ finanzjarju għal fruntieri esterni u viża, dan ir-Regolament jistabbilixxi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 Fond għas-Sigurtà Interna.

2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi

- (a) l-għanijiet, l-azzjonijiet eliġibbli u l-prijoritajiet strateġiċi għal appoġġ finanzjarju li għandhom jiġu provduti taħt l-Istrument;
- (b) il-qafas ġenerali għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet eliġibbli;
- (c) ir-riżorsi magħmula disponibbli taħt l-Istrument mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 u d-distribuzzjoni tagħhom.

3. Dan ir-Regolament jipprovdi għall-applikazzjoni tar-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [Regolament Orizzontali].

4. Dan l-Istrument m'għandux japplika għal kwistjonijiet li huma koperti mill-programm tal-Ġustizzja, kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru XXX/2012¹⁹. Madankollu, dan l-Istrument jista' jkopri azzjonijiet li għandhom l-iskop li jinkoraġġixxu kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) 'kooperazzjoni tal-pulizija' tfisser il-miżuri speċifiċi u t-tipi ta' kooperazzjoni kif definiti fl-Artikolu 87 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
- (b) 'skambju tal-informazzjoni u l-aċċess għaliha' tfisser il-ġbir, il-ħażna, l-ipproċessar, l-analiżi u l-iskambju tal-informazzjoni rilevanti għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi f'rabta mal-prevenzjoni, id-detezzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, b'mod partikolari kriminalitajiet transkonfinali, serji u organizzati.

¹⁹ ĠU L ...

- (c) ‘prevenzjoni kontra l-kriminalità’ tfisser il-miżuri kollha li huma maħsuba li jnaqqsu jew mod ieħor, jikkontribwixxu għat-tnaqqis fil-kriminalità u s-sensazzjoni ta’ nuqqas ta’ sigurtà taċ-ċittadini, kif definit fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/902/ĠAI tat-30 ta’ Novembru 2009 li waqqfet in-Netwerk Ewropew tal-Prevenzjoni Kontra l-Kriminalità (EUPCN)²⁰.
- (d) ‘kriminalità organizzata’ tfisser imġiba kastigabbli mwettqa minn grupp strutturat ta’ tlieta jew aktar pesuni, li jeżisti għal perjodu ta’ żmien u jaġixxi flimkien sabiex jikseb, direttament jew indirettament, benefiċċju finanzjarju jew ieħor materjali.
- (e) ‘terroriżmu’ tfisser kwalunkwe mill-atti jew reati internazzjonali kif definit fid-Deċiżjoni Qafas 2002/475/ĠAI tat-13 ta’ Ġunju 2002 dwar il-għieda kontra t-terroriżmu²¹, kif emendat bid-Deċiżjoni Qafas 2008/919/ĠAI tat-28 ta’ Novembru 2008²².
- (f) ‘ġestjoni tar-riskji u l-kriżi’ tfisser kwalunkwe miżura marbuta mal-valutazzjoni, il-prevenzjoni, it-tnejn u l-ġestjoni tal-konsegwenzi tat-terroriżmu u riskji oħra marbuta mas-sigurtà.
- (g) ‘prevenzjoni u tnejn’ tfisser kwalunkwe miżura mmirata lejn il-prevenzjoni u/jew it-tnaqqis tar-riskji konnessi ma’ attacchi terroristiċi possibbli jew inċidenti oħra marbuta mas-sigurtà.
- (h) ‘ġestjoni ta’ konsegwenzi’ tfisser il-koordinazzjoni effettiva ta’ miżuri meħuda sabiex ikun hemm intervent u għat-tnaqqis tal-impatt tal-effetti ta’ attackk terroristiku jew kwalunkwe inċident ieħor marbut mas-sigurtà sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni effettiva ta’ azzjonijiet fil-livell nazzjonali u/jew tal-UE.
- (i) ‘infrastruttura kritika’ tfisser kwalunkwe riżorsi fiżiċi, servizzi, faċilitajiet ta’ teknoloġija tal-informatika, netwerks u assi ta’ infrastruttura li, jekk imfixkla jew meqruda, ikollhom impatt serju fuq funzjonijiet kritiċi tas-soċjetà, inklużi l-katina tal-provvista, is-saħħa, is-sigurtà, il-benessri ekonomiku jew soċjali tan-nies jew tal-funzjonament tal-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha.
- (j) ‘sitwazzjoni ta’ emerġenza’ tfisser kwalunkwe inċident relatat mas-sigurtà jew theddida emerġenti ġdida li għandu jew li jista’ jkollu impatt negattiv sinifikanti fuq is-sigurtà tan-nies fi Stat Membru wieħed jew iżjed.

Artikolu 3

Objettivi

1. L-għan ġenerali tal-Istrument għandu jkun li jikkontribwixxi biex jiġi żgurat livell għoli ta’ sigurtà fl-Unjoni Ewropea.

²⁰ ĠU L 321 tat-8.12.2009, p. 44.

²¹ ĠU L 64 tat-22.6.2002, p. 3.

²² ĠU L 330 tad-9.12.2008, p. 21.

2. Fi ħdan l-għan ġenerali stabbilit fil-paragrafu 1, l-Istrument – skont il-prijoritajiet identifikati fl-istrateġiji, programmi, valutazzjonijiet ta' theddid u riskji rilevanti tal-Unjoni – għandu jikkontribwixxi għall-għanijiet speċifiċi li ġejjin:

(a) il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali serja u organizzata, inkluż it-terroriżmu, u t-tiżni tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi rilevanti.

Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel kontra indikaturi bħal, fost l-oħrajn, in-numru ta' operazzjonijiet transkonfinali-konġunti u n-numru ta' dokumenti dwar l-aħjar prattika u avvenimenti organizzati.

(b) it-titjib tal-kapaċità tal-Istati Membri u tal-Unjoni għall-ġestjoni effettiva tar-riskji relatati mas-sigurtà u l-kriżijiet, u ttipprepara u tħares lill-pubbliku u l-infrastruttura kritika kontra l-attakki terroristiċi u inċidenti oħra relatati mas-sigurtà.

Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel kontra indikaturi bħal, fost l-oħrajn, in-numru ta' għodod fis-seħħ u/jew aġġornati ulterjorment sabiex jiffaċilitaw il-protezzjoni ta' infrastruttura kritika permezz tal-Istati Membri fis-setturi kollha tal-ekonomija u n-numru ta' valutazzjonijiet tat-theddid u tar-riskju prodotti fil-livell tal-Unjoni.

3. Sabiex jikseb dawn l-għanijiet, l-Istrument għandu jikkontribwixxi għall-għanijiet operazzjonali li ġejjin billi jipromwovi u jiżviluppa:

(a) miżuri (metodoloġiji, għodod, strutturi) li jsaħħu l-kapaċità tal-Istati Membri biex jevitaw u jiġġieldu l-kriminalità transkonfinali, serja u organizzata li tinkludi t-terroriżmu, b'mod partikolari permezz ta' sħubijiet pubbliċi-privati, l-iskambju tal-informazzjoni u l-aħjar prattiċi, aċċess għad-dejta, teknoloġiji interoperabbli, statistika komparabbli, kriminoloġija applikata, komunikazzjoni pubblika u żieda ta' għarfien.

(b) koordinazzjoni amministrattiva u operazzjonali, kooperazzjoni, ftehim reċiproku u l-iskambju tal-informazzjoni fost l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, awtoritajiet nazzjonali oħra, entitajiet tal-Unjoni rilevanti u, fejn xieraq, ma' pajjiżi terzi.

(c) skemi ta' taħriġ fl-implimentazzjoni ta' politiki ta' taħriġ Ewropej, inkluż permezz ta' programmi tal-Unjoni speċifiċi ta' skambju tal-infurzar tal-liġi, sabiex titrawwem kultura Ewropea ġenwina ġudizzjarja u tal-infurzar tal-liġi.

(d) miżuri u l-aħjar prattiċi għall-protezzjoni u l-appoġġ tax-xhieda u l-vittmi tal-kriminalità.

(e) miżuri li jsaħħu l-kapaċità amministrattiva u operazzjonali tal-Istati Membri biex jiproteġu l-infrastruttura kritika fis-setturi kollha ta' attività ekonomika, inkluż permezz ta' sħubijiet pubbliċi-privati u koordinazzjoni, kooperazzjoni, skambju u tixrid imtejjeb ta' kompetenzi u esperjeza fi ħdan l-Unjoni u ma' pajjiżi terzi rilevanti.

(f) rabtiet siguri u koordinazzjoni effettiva bejn l-atturi tal-kooperazzjoni eżistenti ta' twissija bikrija speċifika għas-settur u kooperazzjoni tal-kriżi fuq livell tal-Unjoni u dak nazzjonali, inklużi ċentri tas-sitwazzjoni sabiex tkun permessa l-

produzzjoni rapida tal-prospetti komprensivi u preċiżi f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, jiġu koordinati miżuri ta' rispons u titqassam informazzjoni miftuħa, privileġġata u klassifikata.

- (g) miżuri (metodoloġiji, għodod u strutturi) li jsaħħu l-kapaċità amministrattiva u operazzjonali tal-Istati Membri u l-Unjoni biex jiżviluppaw valutazzjonijiet komprensivi ta' theddid u riskji sabiex jippermettu lill-Unjoni tiżviluppa approċċi integrati bbażati fuq apprezzamenti komuni u kondiviżi f'sitwazzjonijiet ta' kriżi u biex ittejjeb il-ftehim reċiproku tad-definizzjonijiet varji tal-livelli ta' theddid tal-Istati Membri u l-pajjiżi msieħba.

4. L-Istrument għandu jikkontribwixxi wkoll għall-finanzjament ta' għajjnuna teknika b'inizjattiva tal-Istati Membri u l-Kummissjoni.

Artikolu 4

Azzjonijiet eliġibbli

1. Fi ħdan l-għanijiet definiti fl-Artikolu 3, u fid-dawl tal-konklużjonijiet maqbula tad-djalogu ta' politika kif previst fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [Regolament Orizzontali], dan l-Istrument għandu jappoġġja azzjonijiet fi Stati, u b'mod partikolari dan li ġej:

- (a) attivitajiet li jtejbu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tal-pulizija bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, inklużi skwadri ta' investigazzjoni konġunta u kwalunkwe forma oħra ta' operazzjoni transkonfinali konġunta, l-aċċess għall-informazzjoni u l-iskambju ta' tagħha u teknoloġiji interoperabbli;
- (b) netwerking, kunfidenza reċiproka, ftehim u taġlim, l-identifikazzjoni, l-iskambju u t-tixrid ta' kompetenzi, l-esperjenza u l-prattiċi tajba, il-kondiviżjoni ta' informazzjoni, l-għarfien u t-tbassir kondiviżi tas-sitwazzjoni, l-ippjanar ta' kontinġenza u interoperabbiltà;
- (c) attivitajiet analitiċi, ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, inklużi studji u valutazzjonijiet ta' theddid, riskju u impatt;
- (d) attivitajiet ta' żieda, tixrid u komunikazzjoni ta' għarfien;
- (e) akkwist u/jew aġġornament ulterjuri ta' taġmir tekniku, faċilitajiet siguri, infrastrutturi, bini u sistemi relatati, speċjalment sistemi tal-ICT u l-komponenti ta' tagħhom, inkluż għall-fini tal-kooperazzjoni Ewropea dwar iċ-ċiberkriminalità, notevolment maċ-Ċentru Ewropew għaċ-Ċiberkriminalità;
- (f) skambju, taħriġ u edukazzjoni ta' persunal u esperti tal-awtoritajiet rilevanti, inklużi taħriġ fil-lingwa u eżerċizzji jew programmi konġunti;
- (g) miżuri għall-iskjerament, trasferiment, ittestjar u validazzjoni ta' metodoloġiji jew teknoloġiji ġodda inklużi proġetti pilota u miżuri ta' segwitu għal proġetti ta' riċerka tas-sigurtà ffinanzjati mill-Unjoni.

2. Fi ħdan l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 3, l-Istrument għandu jappoġġja wkoll azzjonijiet b'rabta ma' pajjiżi terzi u fihom, u b'mod partikolari dan li ġej:

- (a) attivitajiet li jtejbu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tal-pulizija bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, inklużi skwadri ta' investigazzjoni konġunta u kwalunkwe forma oħra ta' operazzjoni transkonfinali konġunta, l-aċċess għall-informazzjoni u l-iskambju ta' tagħha u teknoloġiji interoperabbli;
- (b) netwerking, kunfidenza reċiproka, fehim u taqlim, l-identifikazzjoni, l-iskambju u t-tixrid ta' kompetenzi, l-esperjenza u l-prattiċi tajba, il-kondiviżjoni ta' informazzjoni, l-għarfien u t-tbassir kondiviżi tas-sitwazzjoni, l-ippjanar ta' kontinġenza u interoperabbiltà;
- (c) akkwist u/jew aġġornament ulterjuri ta' taqlim tekniku, inklużi sistemi tal-ICT u l-komponenti ta' taqlim;
- (d) skambju, taqlim u edukazzjoni ta' persunal u esperti tal-awtoritajiet rilevanti, inkluż taqlim fil-lingwa;
- (e) attivitajiet ta' żieda, tixrid u komunikazzjoni ta' għarfien;
- (f) valutazzjonijiet ta' theddid, riskju u tal-impatt;
- (g) studji u proġetti pilota.

Artikolu 5

Riżorsi globali u implimentazzjoni

1. Ir-riżorsi globali għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu EUR 1,128 miljun.

2. L-appropriazzjonijiet annwali għandhom ikunu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fi ħdan il-limiti tal-Qafas Finanzjarju.

3. Ir-riżorsi globali għandhom jiġu implimentati permezz tal-mezzi li ġejjin:

- (a) programmi nazzjonali, skont l-Artikolu 6;
- (b) azzjonijiet tal-Unjoni, skont l-Artikolu 7;
- (c) għajnuna teknika skont l-Artikolu 8;
- (d) għajnuna ta' emerġenza, skont l-Artikolu 9;

4. Il-baġit allokat taħt l-Istrument għandu jiġi implimentat taħt għestjoni kondiviżi skont l-Artikolu 55 (1)(b) tar-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [Regolament Finanzjarju Ġdid]²³, bl-eċċezzjoni tal-azzjonijiet tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 7, l-għajnuna teknika msemmija fl-Artikolu 8(1) u l-għajnuna ta' emerġenza msemmija fl-Artikolu 9.

²³ ĠU L

5. Ir-riżorsi globali għandhom jintużaw b' mod indikattiv kif ġej:
- (a) EUR 564 miljun għall-programmi nazzjonali tal-Istati Membri;
 - (b) EUR 564 miljun għal azzjonijiet tal-Unjoni, l-għajnuna ta' emerġenza u l-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni.
6. Konġuntament mar-riżorsi globali stabbiliti għar-Regolament (UE) Nru XXX/2012 li jistabbilixxi bħala parti mill-Fond ta' Sigurtà Interna l-istrument għal appoġġ finanzjarju għal fruntieri esterni u l-viża, ir-riżorsi globali disponibbli għal dan ir-Regolament kif stabbilit fil-paragrafu 1 jikkostitwixxu l-pakkett finanzjarju għall-Fond għas-Sigurtà Interna u jservu bħala r-referenza primarja għall-awtorità baġitarja matul il-proċedura baġitarja annwali fis-sens tal-Punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja soda²⁴.
7. Il-pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen għandhom jipparteċipaw fl-Istrument skont dan ir-Regolament.
8. Għandhom jiġu konklużi arranġamenti dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn dawn il-pajjiżi lill-Istrument u r-regoli supplimentari meħtieġa għal din il-parteċipazzjoni, inklużi d-dispożizzjonijiet li jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u s-setgħa tal-awditjar tal-Qorti tal-Awdituri.

Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn dawn il-pajjiżi għandha tiżdied mar-riżorsi globali disponibbli mill-baġit tal-Unjoni msemmi fil-paragrafu 1.

Artikolu 6

Programmi Nazzjonali

1. Il-programm nazzjonali li għandu jiġi preparat taħt l-Istrument u dak li għandu jiġi preparat taħt ir-Regolament (UE) Nru XXX/2012 li jistabbilixxi bħala parti mill-Fond ta' Sigurtà Interna, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għal fruntieri esterni u l-viża għandu jiffassal konġuntament mill-Istati Membri u propost lill-Kummissjoni bħala programm nazzjonali uniku għall-Fond, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [Regolament Orizzontali].
2. Taħt il-programmi nazzjonali li għandhom jiġu eżaminati u approvati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [Regolament Orizzontali], l-Istati Membri għandhom jiffukaw fuq proġetti li jindirizzaw il-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni elenkati fl-anness ma' dan ir-Regolament.
3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 11 sabiex temenda l-anness imsemmi fil-paragrafu 2 billi temenda, iżżid jew tħassar prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni.

²⁴ COM (2011) 403 finali.

Artikolu 7

Azzjonijiet tal-Unjoni

1. Fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, dan l-Istrument jista' jintuża sabiex jiffinanzja azzjonijiet transnazzjonali u azzjonijiet ta' interess partikolari għall-Unjoni ("azzjonijiet tal-Unjoni") li jikkonċernaw l-għanijiet ġenerali, speċifiċi u operazzjonali stabbiliti fl-Artikolu 3.

2. Sabiex ikunu eliġibbli għall-finanzjament, l-azzjonijiet tal-Unjoni għandhom ikunu konformi mal-prijoritajiet identifikati fl-istrategġiji, programmi, valutazzjonijiet ta' theddid u riskju rilevanti tal-Unjoni, u appoġġ b'mod partikolari:

- (a) it-tnejn, il-monitoraġġ, l-appoġġ amministrattiv u tekniku, l-iżvilupp ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni meħtieġ biex jiġi implimentati l-politiki dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-immaniġġjar tal-kriżijiet;
- (b) proġetti transnazzjonali li jinvolvu żewġ Stati Membri jew iżjed jew mill-inqas Stat Membru wieħed u pajjiż terz;
- (c) attivitajiet analitiċi, ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, inklużi valutazzjonijiet ta' theddid, riskju u tal-impatt u proġetti li jissorveljaw l-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u għanijiet ta' politika tal-Unjoni fl-Istati Membri;
- (d) proġetti li jipromwovv n-netwerking, kunfidenza reċiproka, ftehim u taġħlim, identifikazzjoni u tixrid ta' prattiki tajbin u approċċi innovattivi fuq livell tal-Unjoni, programmi ta' taħriġ u skambju;
- (e) proġetti li jappoġġjaw l-iżvilupp ta' għodod u metodi metodoloġiċi, notevolment statistiċi, u indikaturi komuni;
- (f) l-akkwist u/jew ammeljorament ulterjuri ta' taġħmir tekniku, faċilitajiet siguri, infrastrutturi, bini u sistemi relatati speċjalment sistemi tal-ICT u l-komponenti taġħhom fuq livell tal-Unjoni, inkluż għall-fini tal-kooperazzjoni Ewropea fuq iċ-ċiberkriminalità, notevolment Ċentru Ewropew għaċ-Ċiberkriminalità;
- (g) proġetti li jtejbu l-għarfien tal-politiki u l-għanijiet tal-Unjoni fost il-partijiet interessati u l-pubbliku ġenerali, inkluża komunikazzjoni korporattiva fuq il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni;
- (h) b'mod partikolari proġetti innovattivi li jiżviluppaw metodi ġodda u/jew l-iskjerament ta' teknoloġiji ġodda b'potenzjal għal trasferabbiltà lejn Stati Membri oħra, b'mod speċjali proġetti mmirati lejn l-ittestjar u l-validazzjoni tar-riżultat ta' proġetti ta' riċerka tas-sigurtà ffinanzjati mill-Unjoni;
- (i) studji u proġetti pilota;
- (j) azzjonijiet b'rabta ma' pajjiżi terzi u fihom, kif imsemmi fl-Artikolu 4 (2).

3. L-azzjonijiet tal-Unjoni għandhom jiġi implimentati skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [Regolament Orizzontali].

Artikolu 8

Għajnuna teknika

1. B'inizjattiva tal-Kummissjoni u/jew f'isimha, l-Istrument jista' annwalment jikkontribwixxi sa massimu ta' EUR 800,000 kull sena għal għajnuna teknika lill-Fond tas-Sigurtà Interna, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [Regolament Orizzontali].
2. B'inizjattiva ta' Stat Membru, l-Istrument jista' jikkontribwixxi sa massimu ta' 5% tal-ammont totali allokat għall-Istat Membru għal għajnuna teknika taħt il-programm nazzjonali skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [Regolament Orizzontali].

Artikolu 9

Għajnuna ta' emerġenza

1. Dan l-Istrument għandu jipprovdi għajnuna finanzjarja biex jindirizza ħtiġijiet urġenti u speċifiċi fl-avveniment ta' sitwazzjoni ta' emerġenza, kif definit fil-punt (j) tal-Artikolu 2.
2. L-għajnuna ta' emerġenza għandha tiġi implimentata skont il-mekkaniżmu stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [Regolament Orizzontali].

Artikolu 10

Riżorsi għal azzjonijiet eliġibbli fl-Istati Membri

1. EUR 564 miljun għandhom jiġu allokat i għall-Istati Membri b'mod indikattiv kif ġej:
 - (a) 30% fi proporzjon tad-daqs tal-popolazzjoni totali tagħhom;
 - (b) 10 % fi proporzjon għad-daqs tat-territorju tagħhom;
 - (c) 10 % fi proporzjon għan-numru ta' passiġġieri u t-tunnellati ta' merkanzija li jgħaddi mill-ajruporti internazzjonali l-portijiet tagħhom;
 - (d) 10% fi proporzjon għan-numru ta' Infrastruttura Kritika Ewropea ddeżinjata skont id-Direttiva 2008/114/KE;
 - (e) 40 % fi proporzjon invers għall-Prodott Gross Domestiku tiegħu (standard tas-setgħa tax-xiri għal kull abitant).
2. Il-figuri ta' referenza għad-dejta msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu l-aħħar statistika prodotta mill-Kummissjoni (Eurostat), abbażi tad-dejta provduta mill-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni, kif ukoll dejta provduta lill-Kummissjoni mill-Istati Membri skont id-Direttiva 2008/114/KE. Id-data ta' referenza hija t-30 ta' Ġunju 2013.

Artikolu 11

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa sabiex jiġu adottati atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Id-delega tas-setgħat imsemmija f'dan ir-Regolament għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 7 snin mid-*[data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' tul ta' żmien identiku, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux din l-estensjoni mhux iżjed tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.
3. Id-delega tas-setgħat imsemmija f'dan ir-Regolament tista' tiġi revokata fi kwalunkwe żmien mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ġġib fi tmiemha d-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'*data iżjed tard speċifikata* fih. Din m'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe atti delegati diġà fis-seħħ.
4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
5. Att delegat adottat skont dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ biss jekk l-ebda oġġezzjoni ma tkun ġiet espressa jew mill-Parlament Ewropew jew il-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn (2) min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn (2) b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 12

Proċedura tal-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-kumitat komuni 'Ażil, Migrazzjoni u Sigurtà' stabbilit permezz tal-Artikolu 55(1) tar-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [Regolament Orizzontali].
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 13

L-applikabbiltà tar-Regolament (UE) Nru XXX/2012

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru XXX/2012/UE [Regolament Orizzontali] għandhom japplikaw għall-Istrument.

Artikolu 14

Revoka

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/125/ĠAI għandha tiġi rrevokata b'effett mill-1 ta' Jannar 2014.

Artikolu 15

Dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa l-kontinwazzjoni jew il-modifika, inkluż il-kanċellament totali jew parzjali tal-proġetti sal-għeluq tagħhom jew l-għajjnuna finanzjarja approvata mill-Kummissjoni abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/125/ĠAI, jew kwalunkwe leġiżlazzjoni oħra li tapplika għal dik l-għajjnuna fil-31 ta' Diċembru 2013.

2. Meta tadotta deċiżjonijiet dwar il-kofinanzjament taħt l-Istrument, il-Kummissjoni għandha tiegħu in kunsiderazzjoni l-miżuri adottati abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/125/ĠAI, qabel [*data ta' pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali*] li għandhom riperkussjonijiet finanzjarji waqt il-perjodu kopert minn dak il-kofinanzjament.

3. Is-somom impenjati għal konfinanzjament approvati mill-Kummissjoni bejn l-1 ta' Jannar 2011 u l-31 ta' Diċembru 2013 li għalihom id-dokumenti meħtieġa għall-għeluq tal-operazzjonijiet ma ntbagħtux lill-Kummissjoni sad-data ta' għeluq għas-sottomissjoni tar-rapport finali għandhom awtomatikament jiġu diżimpenjati mill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2017, li jwassal għall-ħlas lura tal-ammonti li ma kellhomx jitħallsu.

L-ammonti relatati ma' operazzjonijiet li ġew sospiżi minħabba proċeduri legali jew appelli amministrattivi li għandhom effett ta' sospensjoni għandhom jiġu injorati fil-kalkolu tal-ammont li għandu jiġi awtomatikament diżimpenjat.

4. L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2015 rapport ta' evalwazzjoni dwar ir-riżultati u l-impatti ta' azzjonijiet kofinanzjati bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/125/ĠAI għall-perjodu 2011 sal-2013.

5. Il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, sal-31 ta' Diċembru 2015, rapport dwar ir-riżultati miksuba u dwar l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi tal-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/125/ĠAI, għall-perjodu 2011 sal-2013.

Artikolu 16

Reviżjoni

Abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jirrevedu dan ir-Regolament sa mhux iżjed tard mit-30 ta' Ġunju 2020.

Artikolu 17

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil- [...] jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX

Lista ta' Prijoritajiet Strateġiċi tal-Unjoni (Artikolu 6 (2))

- Miżuri għall-prevenzjoni u l-**għlieda kontra l-kriminalità transkonfinali, serja u organizzata**, b'mod partikolari t-traffikar tad-droga, it-traffikar tal-bnedmin, l-abbuż sesswali tat-tfal u proġetti li jidentifikaw u jżarmaw netwerks kriminali, jipproteġu l-ekonomija kontra l-infiltrazzjoni kriminali u jnaqqsu l-inċentivi finanzjarji billi jissekwestraw, jiffriżaw u jikkonfiskaw assi kriminali.
- Miżuri li **jżidu l-livelli ta' sigurtà għaċ-ċittadini u n-negozju fl-ispazju ċibernetiku**, b'mod partikolari proġetti li jibnu l-kapaċitajiet fl-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura, proġetti li jiżguraw xogħol mal-industrija biex jagħtu s-setgħa u jipproteġu ċ-ċittadini, u proġetti li jtejbu l-kapaċitajiet biex jiġu trattati ċ-ċiberattakki.
- Miżuri għall-**prevenzjoni mit-terroriżmu u jindirizzaw ir-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ**, b'mod partikolari proġetti li jagħtu s-setgħa lill-komunitajiet biex jiżviluppaw approċċi lokali u politiki ta' prevenzjoni, proġetti li jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jwaqqfu lit-terroristi mill-aċċessar għall-finanzjament u materjali u jseguw t-tranżazzjonijiet tagħhom, proġetti li jipproteġu t-trasport ta' passiġġieri u merkanzija, u proġetti li jtejbu s-sigurtà ta' splussivi u materjali CBRN.
- Miżuri ddeżinjati biex iżidu l-kapaċità amministrattiva u operazzjonali tal-Istati Membri biex jipproteġu **infrastruttura kritika** fis-setturi ekonomiċi kollha inklużi dawk koperti mid-Direttiva 2008/114, b'mod partikolari proġetti li jipromwovu sħubijiet pubbliċi-privati sabiex jibnu fiduċja u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni, il-koordinazzjoni, l-ippjanar ta' kontinġenza u l-iskambju u t-tixrid ta' informazzjoni u l-prattiki tajba fost l-atturi pubbliċi u privati.
- Miżuri li jżidu **r-reżiljenza tal-Ewropa għal kriżi u diżastru**, b'mod partikolari proġetti li jipromwovu l-iżvilupp ta' politika koerenti tal-Unjoni dwar il-ġestjoni tar-riskji li torbot il-valutazzjonijiet ta' theddid u riskju għat-teħid tad-deċiżjoni, kif ukoll proġetti li jappoġġjaw rispons effettiv u koordinat għal kriżi li jorbot il-kapaċitajiet eżistenti (speċifiċi għas-settur), kompetenzi u ċentri għall-għarfien tas-sitwazzjoni, inklużi dawk għas-saħħa, il-protezzjoni ċivili u t-terroriżmu.

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

- 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva
- 1.2. Qasam(oqsma) ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB
- 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva
- 1.4. Objettiv/i
- 1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva
- 1.6. Tul u impatt finanzjarju
- 1.7. Metodu/i ta' ġestjoni previst/i

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

- 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rappurtar
- 2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll
- 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU PROĠETTAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

- 3.1. Intestatura (intestaturi) tal-qafas finanzjarju multiannwali u intestatura (intestaturi) tal-baġit tan-nefqa affettwata(affettwati)
- 3.2. Impatt proġettat fuq in-nefqa
 - 3.2.1. Sommarju tal-impatt proġettat fuq in-nefqa
 - 3.2.2. Impatt proġettat fuq approprjazzjonijiet operazzjonali
 - 3.2.3. Impatt proġettat fuq approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva
 - 3.2.4. Kompatibilità mal-qafas finanzjarju attwali multiannwali
 - 3.2.5. Parteċipazzjoni minn partijiet terzi fil-finanzjament
- 3.3. Impatt proġettat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Il-Komunikazzjoni “Bini ta’ Ewropa miftuħa u sigura: il-baġit tal-affarijiet interni għall-2014-2020”;

Proposta għal Regolament li tistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar il-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tar-riskji;

Proposta għal Regolament li tistabbilixxi l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tar-riskji;

Proposta għal Regolament li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond tas-Sigurtà Interna, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għal frontieri esterni u l-viża.

1.2. Qasam(oqsma) ta’ politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB²⁵

Intestatura 3 attwali, Titolu 18 – Affarijiet Interni

Perspettivi Finanzjarji Multiannwali tal-Futur: Intestatura 3 (sigurtà u ċittadinanza) – "Sigurtà interna"

Natura tal-proposta/inizjattiva

Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma’ **azzjoni ġdida** (finanzjament tal-affarijiet interni għall-perjodu 2014-2020)

Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma’ **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**²⁶

Il-proposta/inizjattiva hija relatata mal-**estensjoni ta’ azzjoni eżistenti**

Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma’ **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

1.3. Objettivi

1.3.1. *L-għan(ijiet) strateġiku(strateġiċi) multiannwali tal-Kummissjoni mmirati mill-proposta/inizjattiva*

Il-mira finali tal-politiki tal-affarijiet interni huwa li tinħoloq żona mingħajr frontieri interni fejn iċ-ċittadini tal-UE u ċittadini ta’ pajjiżi terzi jistgħu jidħlu, jiċċirkolaw, jgħixu u jaħdmu, iġibu ideat ġodda, kapital, għarfien u innovazzjoni jew jimlew l-ispazji vojta fis-swieq tax-xogħol nazzjonali, ikunu kunfidenti li d-drittijiet tagħhom huma rrispettati kompletament u s-sigurtà tagħhom hija

²⁵ ABM: Immaniġġjar Ibbażat fuq l-Attività – ABB: Ibbaġitjar Ibbażat fuq l-Attività.

²⁶ Kif imsemmi fl-Artikolu 49 (6) (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

assicurata. Kooperazzjoni ma' pajjiżi mhux tal-UE u organizzazzjonijiet internazzjonali hija kruċjali biex jinkiseb dan il-għan.

L-importanza dejjem tikber tal-politiki tal-affarijiet interni ġiet ikkonfermata mill-Programm ta' Stokkolma u l-Pjan ta' Azzjoni tiegħu, li l-implimentazzjoni tiegħu hija prijorità strateġika għall-Unjoni u tkopri oqsma bħal migrazzjoni (il-migrazzjoni u l-integrazzjoni legali; l-ażil; il-migrazzjoni u r-ritorn irregolari), sigurtà (il-prevenzjoni mit-terroriżmu u l-kriminalità organizzata u l-għlieda kontributiva; il-kooperazzjoni tal-pulizija) u il-ġestjoni tal-fruntieri esterni (inkluża l-politika tal-viża), kif ukoll id-dimensjoni esterna ta' dawn il-politiki. It-Trattat ta' Lisbona jippermetti lill-Unjoni turi ambizzjoni akbar fir-reazzjoni għall-preokkupazzjonijiet ta' kuljum taċ-ċittadini fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja. Il-prijoritajiet tal-politika tal-affarijiet interni, b'mod partikolari l-integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll fil-kuntest tas-seba' inizjattivi ewlenin ippreżentati fl-Istrateġija Ewropa 2020 li għandha l-iskop li tgħin lill-UE tegħleb il-kriżi attwali finanzjarja u ekonomika u tikseb tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv.

Il-Fond ta' Sigurtà Interna se jipprovdi l-assistenza finanzjarja meħtieġa biex idawwar l-oġġettivi tal-affarijiet interni tal-Unjoni f'riżultati tanġibbli.

1.3.2. Għan(ijiet) speċifiċi tal-attività(jiet) tal-ABM/ABB ikkonċernata

FOND GĦAS-SIGURTÀ INTERNA

Strument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-għlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżi

Konformi mal-prijoritajiet identifikati fl-istrateġiji, programmi, valutazzjonijiet tat-theddid u tar-riskju rilevanti tal-Unjoni, l-Istrument se jikkontribwixxi għall-oġġettivi speċifiċi li ġejjin

(a) il-prevenzjoni u l-għlieda kontra l-kriminalità transkonfinali serja u organizzata, inkluż it-terroriżmu, u t-tisħiħ tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi rilevanti;

(c) it-titjib tal-kapaċità tal-Istati Membri u tal-Unjoni għall-ġestjoni effettiva tar-riskji relatati mas-sigurtà u l-kriżijiet, u tipprepara u tħares lill-pubbliku u l-infrastruttura kritika kontra l-attakki terroristiċi u inċidenti oħra relatati mas-sigurtà.

Attivitajiet attwali tal-ABB ikkonċernati: 18.05

Strument għal appoġġ finanzjarju għal fruntieri esterni u l-viża

Konformi mal-prijoritajiet identifikati fl-istrateġiji, programmi, valutazzjonijiet tat-theddid u tar-riskju rilevanti tal-UE, l-Istrument se jikkontribwixxi għall-oġġettivi speċifiċi li ġejjin

(a) l-appoġġ ta' politika komuni tal-viża biex tiffaċilita l-ivvjaġġar leġittimu, l-iżgurar ta' trattament ugwali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-indirizzar tal-migrazzjoni irregolari;

(b) l-appoġġ tal-ġestjoni tal-fruntieri, l-iżgurar, fuq naħa, ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-fruntieri esterni u, min-naħa l-oħra, tal-qsim bla problemi tal-fruntieri esterni skont l-acquis ta' Schengen.

Attività attwali tal-ABB ikkonċernata: 18.02 (safejn huwa kkonċernat il-Fond għall-Fruntieri Esterni).

1.3.3. *Riżultat(i) u impatt mistennija*

Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi destinatari.

L-effetti tal-proposta fuq il-benefiċjarji/gruppi destinatari huma deskritti f'aktar dettall fit-Taqsima 4.1.2 tal-Valutazzjoni tal-Impatt.

Inġenerali, simplifikazzjoni introdotta fuq il-livelli kollha tal-proċess ta' finanzjament u f'kull mod ta' ġestjoni se jkollha effett ta' benefiċċju ċar fuq il-proċessi li taħthom se jiġi mmaniġġjat l-appoġġ finanzjarju.

Kooperazzjoni tal-pulizija, prevenzjoni u ġlieda kontra l-kriminalità, u ġestjoni tar-riskji

Il-benefiċjarji ewlenin tal-appoġġ finanzjarju se jkunu l-Istati Membri u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tagħhom kif ukoll kwalunkwe awtorità oħra speċjalizzata fil-protezzjoni ta' infrastruttura kritika u l-ġestjoni tar-riskji, iżda wkoll Organizzazzjonijiet Internazzjonali u Mhux-Governattivi rilevanti, fejn xieraq (eż. fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalità, politiki kontra r-radikalizzazzjoni u t-traffikar).

Il-gruppi destinatari li jibbenefikaw mit-tibdil se tkun il-popolazzjoni sħiħa.

Il-kisbiet ewlenin se jkunu 1) kapaċità amministrattiva u operazzjonali mtejbja tal-Istati Membri għad-detezzjoni u prosekuzzjoni b'suċċess ta' kriminalità transkonfinali, serja u organizzata, inkluż it-terroriżmu, sabiex jitnaqqsu t-theddiet marbuta mas-sigurtà li jirriżultaw minn din il-kriminalità, u 2) reżiljenza Ewropea aktar b'saħħitha għal kriżi u diżastru minħabba politika tal-UE aktar koerenti fuq ġestjoni tar-riskji li torbot il-valutazzjonijiet ta' theddid u riskju mat-tfassil ta' politika min-naħa waħda, u rispons tal-UE aktar effettiv u koordinat għal kriżi li jorbot il-kapaċitajiet u l-kompetenzi eżistenti min-naħa l-oħra. Kisba importanti se tkun ukoll il-kapaċitajiet imtejbja tal-Istati Membri għal prevenzjoni, preparazzjoni u protezzjoni tan-nies u infrastruttura kritika kontra attakki terroristiċi u theddiet serji oħra marbuta mas-sigurtà.

Fruentieri esterni u l-viża

Il-benefiċjarji ewlenin tal-appoġġ finanzjarju għal fruntieri u l-viża se jkunu s-servizzi li jimplementaw l-acquis tal-UE, il-Kodiċi tal-Fruentieri ta' Schengen u l-Kodiċi tal-Viża fl-Istati Membri: għassiesa, pulizija u servizzi konsulari tal-fruntieri. Il-grupp destinatari li jibbenefika mit-tibdil se jkunu l-vjaġġaturi – il-persuni kollha li jaqsmu l-fruntieri fl-UE. Ir-riżultati se jinkludu l-kapaċitajiet imtejbja ta' dawn is-servizzi (1) li jitwettqu monitoraġġ tal-fruntieri u kooperazzjoni ma' servizzi oħra tal-infurzar tal-liġi fi ħdan il-qafas tas-sistema ta' monitoraġġ Ewropea (EUROSUR); (2) li jiġu mmaniġġjati l-flussi ta' migrazzjoni fil-pożizzjonijiet konsulari (applikazzjonijiet tal-viża) u (3) li jittejjeb l-immaniġġjar tal-flussi ta' passiġġieri fil-punti ta' qsim tal-fruntieri biex jiġi żgurat min-naħa waħda, livell għoli u uniformi ta' protezzjoni, fil-kooperazzjoni ma' servizzi oħra tal-infurzar tal-liġi u min-naħa l-oħra, il-qsim mingħajr problemi f'konformità mal-acquis u l-prinċipji ta' trattament rispettuż u dinjità. Riżultat importanti speċifiku se jkun it-twaqqif ta' żewġ sistemi ġodda tal-IT tal-UE dwar il-moviment ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi minn naħa għal oħra tal-fruntieri (sistema ta' dħul u ħruġ tal-UE u programm reġistrat tal-UE għall-vjaġġaturi).

1.3.4. *Indikaturi tar-riżultati u l-impatti*

Speċifika l-indikaturi għal monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

Minħabba l-ħtieġa li jitwettaq djalogu ta' politika qabel jiġu ddefiniti l-programmi nazzjonali, mhuwiex possibbli li jiġi stabbilit f'dan l-istadju s-sett definittiv ta' indikaturi li se jintużaw biex ikejlu l-kisba tal-għanijiet speċifiċi msemmija qabel. Madankollu

- fir-rigward tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, l-indikaturi jinkludu n-numru ta' operazzjonijiet transkonfinali konġunti u n-numru ta' dokumenti u avvenimenti orgnizzati dwar l-aħjar Prattika. **L-indikaturi għall-ġestjoni tal-kriżijiet** u l-ħarsien ta' infrastruttura kritika jinkludi n-numru ta' għodod disponibbli u/jew aġġornati ulterjorment sabiex jiffaċilitaw il-protezzjoni ta' infrastruttura kritika mill-Istati Membri fis-setturi kollha tal-ekonomija u n-numru ta' valutazzjonijiet tat-theddid u tar-riskju prodotti fil-livell tal-Unjoni.

- fil-qasam tal-**fruntieri u l-viżi** l-indikaturi jinkludu n-numru ta' karigi konsulari mgħammra, assigurati u/jew msaħħa biex jiżguraw l-ipproċessar effiċjenti tal-applikazzjonijiet għall-viża u jipprovdur servizz ta' kwalità għall-applikanti tal-viża, u l-iżvilupp ta' tagħmir għall-kontroll tal-fruntieri u l-qbid ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi irregolari mal-fruntiera esterna li jikkorrispondu mar-riskju fit-taqsimha rilevanti tal-fruntiera esterna. L-indikaturi tal-impatt se jkejlu ż-żieda fis-sigurtà tal-fruntieri, il-kapaċità tal-ħruġ tal-viża u l-kapaċità biex jiġi mmaniġġjat b'mod sigur u mingħajr problemi t-traffiku ta' vjaġġaturi minn naħa għal oħra tal-fruntieri.

1.4. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.4.1. Rekwiżit(i) li għandhom jiġu ssodisfatti fi żmien qasir jew twil

L-UE se tkompli tiffaċċja sfidi importanti fil-qasam tal-affarijiet interni fil-perjodu 2014-2020.

Li jiġi żgurat ambjent sikur u sigur huwa meħtieġ u ta' benefiċċju għat- tkabbir ekonomiku, kulturali u soċjali tal-UE. L-UE għandha rwol deċiżiv, kemm jekk huwiex billi tindirizza t-theddidiet ta' kriminalità, ċiberkriminalità u terroriżmu serji u organizzati u billi tiżgura l-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE, jew billi tirreaġixxi malajr għal kriżijiet emerġenti kkawżati mill-bniedem jew diżastri naturali. Fl-era ta' globalizzazzjoni fejn it-theddidiet qed jikbru u għandhom dejjem aktar dimensjoni transnazzjonali, ebda Stat Membru ma jista' jirreaġixxi b'mod effettiv waħdu. Hija meħtieġa tweġiba Ewropea koerenti u komprensiva biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jistgħu jaħdmu b'mod effettiv fil-fruntieri u l-ġurisdizzjonijiet.

Hija kruċjali kooperazzjoni ma' pajjiżi mhux tal-UE u organizzazzjonijiet internazzjonali biex jinkisbu dawn l-għanijiet. Avvenimenti riċenti fl-Afrika ta' Fuq urew kemm hu importanti għall-UE li jkollha approċċ komprensiv u koordinat għal migrazzjoni, il-fruntieri u s-sigurtà. Id-dimensjoni esterna dejjem aktar importanti tal-politiki tal-affarijiet interni tal-UE trid għalhekk tkun rinforzata, f'koerenza sħiħa mal-politika barranija tal-Unjoni.

1.4.2. Valur miżjud tal-involvement tal-UE

Il-ġestjoni ta' flussi ta' migrazzjoni u theddidiet ta' sigurtà tippreżenta sfidi li ma jistgħux jiġu trattati mill-Istati Membri jaġixxu waħedhom. Dawn huma oqsma fejn hemm b'mod ċar valur miżjud fil-mobilizzazzjoni tal-baġit tal-UE.

Xi Stati Membri jgħorru piż tqil minħabba s-sitwazzjoni ġeografika speċifika tagħhom u t-tul tal-fruntieri esterni tal-Unjoni li għandhom jimmaniġġjaw. It-tneħħija ta' kontrolli tal-fruntieri interni trid tkun akkumpanjata minn miżuri komuni għall-kontroll u monitoraġġ effettivi tal-fruntieri esterni tal-

Unjoni. Il-prinċipju ta' solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta ta' responsabbiltajiet bejn l-Istati Membri hija għalhekk fil-qalba tal-politiki komuni dwar l-ażil, l-immigrazzjoni u l-fruntieri esterni. Il-baġit tal-UE jipprovdi l-mezzi biex jiġu indirizzati l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' dan il-prinċipju. Fil-qasam tas-sigurtà, il-kriminalità serja u organizzata, it-terroriżmu u theddidiet oħra marbuta mas-sigurtà huma dejjem aktar transkonfinali fin-natura tagħhom. Il-kooperazzjoni u koordinazzjoni transnazzjonali bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi hija essenzjali għall-prevenzjoni u għliedha b'suċċess kontra dawn ir-reati, pereżempju permezz tal-iskambju ta' informazzjoni, investigazzjonijiet konġunti, teknoloġiji interoperabbli u valutazzjonijiet ta' theddid u riskju komuni.

It-trattament tal-flussi ta' migrazzjoni, il-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE u s-sigurtà tal-UE jeħtieġu riżorsi u kapaċitajiet sostanzjali mill-Istati Membri. Il-kooperazzjoni u koordinazzjoni operazzjonali mtejbja li jinvolvu l-ippuljar ta' riżorsi f'oqsma bħal taħriġ u tagħmir joħolqu ekonomiji ta' skala u sinerġiji li b'hekk jiġi żgurat użu aktar effiċjenti ta' fondi pubbliċi u tiġi rinfurzata s-solidarjetà, il-fiduċja reċiproka u l-kondiviżjoni ta' responsabbiltà għal politiki komuni tal-UE fost l-Istati Membri. Dan huwa rilevanti b'mod partikolari fil-qasam tas-sigurtà fejn l-appoġġ finanzjarju għall-forom kollha ta' operazzjoni konġunta transkonfinali huwa essenzjali biex titjeb il-kooperazzjoni bejn il-pulizija, id-dwana, l-għassiesa tal-fruntieri u l-awtoritajiet ġudizzjarji.

B'rabta mad-dimensjoni esterna tal-affarijiet interni, huwa ċar li l-adozzjoni ta' miżuri u l-ippuljar ta' riżorsi fil-livell tal-UE se jżid b'mod sinifikanti l-ingranaġġ tal-UE meħtieġ biex jikkonvinċi lill-pajjiżi terzi sabiex jaħdmu mal-UE dwar dawk il-kwistjonijiet marbuta mal-migrazzjoni u s-sigurtà li huma primarjament fl-interess tal-UE u l-Istati Membri.

Id-dritt tal-UE biex taġixxi fil-qasam tal-affarijiet interni jiġi mit-Titolu V "Spazju tal-Libertà, Sigurtà u Ġustizzja" tat-Trattat dwar il-Finanzjament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), b'mod partikolari l-Artikoli 77(2), 78(2), 79(2) u (4), 82(1), 84 u 87(2) TFUE. Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali hija koperta bl-Artikolu 212(3) TFUE. Il-proposti jirrispettaw il-prinċipju ta' sussidjarjetà għax il-maġġoranza ta' finanzjament se tiġi implimentata skont il-prinċipju ta' ġestjoni kondiviża u b'rispett għall-kompetenzi istituzzjonali tal-Istati Membri.

1.4.3. *Tagħlimiet minn esperjenzi simili fil-passat*

Għalkemm l-istrumenti finanzjarji attwali tal-affarijiet interni huma ġeneralment ikkunsidrati li jiksbu l-għanijiet u l-funzjoni tagħhom b'mod effettiv, it-tagħlimiet mir-reviżjoni ta' nofs il-perjodu u l-konsultazzjoni tal-partijiet interessati huma li hemm il-ħtieġa li:

- Jiġu ssimplifikati u streamlined l-istrumenti tal-affarijiet interni tal-futur billi jitnaqqas in-numru ta' programmi finanzjarji għal tnejn permezz tal-ħolqien ta' Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni u Fond għas-Sigurtà Interna. Dan jippermetti lill-UE tagħmel użu aktar strateġiku għall-istrumenti tagħha sabiex dawn ikunu aktar reattivi għall-prijoritajiet u l-ħtiġijiet politiċi tal-UE;
- Jissaħħaħ ir-rwol tal-UE bħala attur globali, billi jiġi inkluż komponent ta' dimensjoni esterna fil-Fondi tal-futur biex jirrinforza l-ingranaġġ tal-UE fir-rigward tad-dimensjoni ta' politika esterna tal-politiki tal-affarijiet interni;
- Tingħata preferenza għal ġestjoni kondiviża minflok ġestjoni ċentralizzata fejn possibbli biex jitneħħew piżijiet burokratiċi mhux meħtieġa;
- Jiġi stabbilit approċċ aktar orjentat lejn ir-riżultati għal ġestjoni kondiviża billi nimxu lejn programmar multiannwali bi djalogu ta' politika fuq livell għoli jiġi żgurat li l-programmi nazzjonali

tal-Istati Membri huma kompletament skont l-għanijiet u l-prijoritajiet tal-politika tal-UE u jiffokaw fuq il-kisba ta' riżultati;

- Titjeb il-ġestjoni ċentralizzata biex tipprovdi firxa ta' għodod għal attivitajiet immexxija mill-politika, inkluż appoġġ għal azzjonijiet transnazzjonali, b'mod partikolari azzjonijiet innovattivi u azzjonijiet fil-pajjiżi terzi jew marbuta magħhom (dimensjoni esterna), kif ukoll azzjonijiet ta' emerġenza, studji u avvenimenti;
- Jiġi stabbilit qafas komuni regolatorju b'sett ta' regoli kondiviżi dwar l-ipprogrammar, rappurtaġġ, ġestjoni finanzjarja u kontrolli li huwa simili kemm jista' jkun għal dak tal-Fondi l-oħra tal-UE ġestiti permezz ta' ġestjoni kondiviża sabiex jiġi ġġenerat ftehim aħjar tar-regoli mill-partijiet interessati kollha u jiġi żgurat grad għoli ta' koerenza u konsistenza;
- Jiġi provdut għal rispons rapidu u effettiv f'każ ta' emerġenzi, b'mod li l-Fondi jiġu mfasla sabiex l-UE tkun tista' tirreaġixxi b'mod xieraq f'sitwazzjonijiet li jevolvu malajr;
- Jitjeb ir-rwol tal-aġenziji tal-affarijiet interni biex titrawwem kooperazzjoni prattika bejn l-Istati Membri u billi jiġu fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi, filwaqt li jiġi żgurat kontroll politiku xieraq fuq l-attivitajiet tal-aġenziji.

Aktar dettalji jistgħu jinstabu fil-valutazzjoni tal-impatt u l-memorandi ta' spjega ta' kull Regolament.

1.4.4. Koerenza u sinerġija possibbli ma' strumenti oħra rilevanti

Għadd ta' strumenti oħra tal-UE se jipprovdu appoġġ għal attivitajiet li jkunu komplementari mal-attivitajiet li se jiġu ffinanzjati taħt il-Fond għas-Sigurtà Interna:

Il-linja diviżorja bejn il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument Finanzjarju għal Protezzjoni Ċivili se tibqa' kif deskritta fl-Artikolu 3 tal-programm attwali tas-CIPS: diżastri naturali kif ukoll diżastri mhux intenzjonali kkawżati mill-bniedem huma għal protezzjoni ċivili (inċidenti), filwaqt li diżastri intenzjonali kkawżati mill-bniedem huma rilevanti għas-sigurtà u għalhekk jiġu koperti mill-Fond għas-Sigurtà Interna.

Attakki terroristiċi jew inċidenti oħra marbuta mas-sigurtà se jibqgħu barra l-kamp ta' applikazzjoni tal-Fond għas-Solidarjetà tal-UE. Il-kamp ta' applikazzjoni u l-firxa preċiżi safejn l-Artikolu 222 TFUE (klawżola ta' solidarjetà) jista' jappoġġja Stati Membri li huma s-suġġett ta' attakk terroristiku jew il-vittma ta' diżastru naturali jew ikkawżat mill-bniedem huma wkoll mhux ċari minħabba li dawn jeħtieġu l-adozzjoni formali tal-implimentazzjoni ta' arranġamenti li għadhom lanqas biss ġew proposti. Possibbiltajiet ta' finanzjament ta' emerġenza f'każ ta' attacchi terroristiċi kbar jew inċidenti oħrajn marbuta mas-sigurtà se jiġu għalhekk appoġġjati mill-Fond għas-Sigurtà Interna.

L-ispazju vojta bejn ir-riċerka ta' sigurtà taħt il-Programm Orizzont 2020 u l-applikazzjoni prattika tar-riżultati ta' din ir-riċerka se jingħalqu għax il-Fond għas-Sigurtà Interna se jipprevedi għanijiet speċifiċi u azzjonijiet eliġibbli biex jippermetti l-finanzjament tal-ittestjar u l-validazzjoni ta' riżultati ta' riċerka xjentifika ('prototipi') bil-ħsieb għall-applikazzjoni f'serje tagħhom fil-prattika ('akkwist prekommerċjali').

Il-Programm ta' Ġustizzja tal-futur se jkun marbut mill-qrib u kumplementari għall-Fond għas-Sigurtà Interna, speċjalment il-komponent tal-ġustizzja kriminali tiegħu iżda huwa aktar iffukat fuq

kooperazzjoni ġudizzjarja, armonizzazzjoni proċedurali u rikonoxximent reċiproku li fil-prattika jevitaw overlaps sostanzjali.

Il-komponenti ta' dimensjoni esterna tal-Fond għas-Sigurtà Interna se jappoġġjaw azzjonijiet fil-pajjiżi terzi u dawk marbuta magħhom li jipprovdu primarjament għal interessi u għanijiet tal-UE, għandhom impatt dirett fl-UE u l-Istati Membri tagħha u jiżguraw kontinwità permezz tal-attivitajiet implimentati fit-territorju tal-UE. Dan il-finanzjament se jiġi ddeżinjat u implimentat f'koerenza mal-azzjoni esterna tal-UE u l-politika barranija. Dan mhuwiex maħsub li jappoġġja azzjonijiet li huma orjentati lejn l-iżvilupp u se jikkumplimenta, fejn xieraq, l-għajnuna finanzjarja provduta permezz ta' strumenti ta' għajnuna esterna. F'dan il-kuntest, is-suċċessur għall-Programm Tematiku Migrazzjoni & Ażil u l-Istrument għall-Istabbiltà se jkun ta' interess partikolari għall-qasam tal-affarijiet interni. Filwaqt li l-istrumenti ta' għajnuna esterna jew jappoġġjaw il-ħtiġijiet ta' żvilupp tal-pajjiżi benefiċjarji jew jappoġġjaw l-interessi politiċi ġenerali tal-UE mal-imsieħba strateġiċi, il-fondi tal-affarijiet interni se jappoġġjaw azzjonijiet speċifiċi f'pajjiżi terzi fl-interess tal-għanijiet għas-sigurtà interna tal-UE. Għaldaqstant, dawn se jimlew l-ispazju vojta speċifiku u jikkontribwixxu għall-ikkompletar tal-kaxxa tal-għodda għad-dispożizzjoni tal-UE.

1.5. Tul u impatt finanzjarju

Proposta/inizjattiva ta' **tul limitat**

- Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-01/01/2014 sal-31/12/2020
- Impatt finanzjarju mill-2014 sal-2023

Proposta/inizjattiva ta' **tul mhux limitat**

- Implimentazzjoni li tibda mill-YYYY sal- YYYY,
- segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.6. Mod (i) ta' ġestjoni previst(i)²⁷

Ġestjoni diretta ċentralizzata mill-Kummissjoni

Ġestjoni indiretta ċentralizzata bid-delegazzjoni ta' kompiti tal-implimentazzjoni għal:

- aġenziji eżekuttivi
- entitajiet stabbiliti mill-Kummissjoni²⁸
- entitajiet nazzjonali pubbliċi-privati/entitajiet b'missjoni ta' servizz pubbliku
- persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti fis-sens tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

²⁷ Dettalji ta' modi u referenzi ta' ġestjoni tar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

²⁸ Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

Ġestjoni deċentralizzata ma' pajjiżi terzi

Ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (għandhom jiġu speċifikati)

Jekk aktar minn mod ta' ġestjoni wieħed huwa indikat, jekk jogħġbok provdi d-dettalji fit-taqsimha "Kummenti".

Kummenti:

Il-proposti se jiġu prinċipalment implimentati permezz ta' ġestjoni kondiviża, bi programmi nazzjonali multiannwali.

L-għanijiet li għandhom jinkisbu taħt il-programmi nazzjonali se jiġu kumplimentati mill-“azzjonijiet tal-Unjoni” u mekkaniżmu ta' rispons rapidu biex jitratta sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Dawn se jieħdu prinċipalment il-forma ta' għotjiet u akkwist taħt ġestjoni diretta ċentralizzata u se jinkludu azzjonijiet fil-pajjiżi terzi jew dawk marbuta magħhom.

Il-mezzi kollha possibbli se jintużaw biex tiġi evitata frammentazzjoni billi jiġu kkonċentri r-risorsi fuq il-kisba ta' numru limitat ta' għanijiet tal-UE u l-użu ta' kompetenzi ta' partijiet interessati ewlenin, fejn xieraq, abbażi ta' ftehimiet ta' sħubija u ftehimiet qafas.

Se tiġi implimentata għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni minn ġestjoni diretta ċentralizzata.

Il-pajjiżi assoċjati mal-applikazzjoni, l-implimentazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen se jipparteċipaw ukoll fiż-żewġ strumenti tal-Fond għas-Sigurtà Interna li jikkostitwixxi żvilupp tal-acquis ta' Schengen (l-istrumenti fuq il-kooperazzjoni tal-fruntieri u l-viża u l-pulizija) daqs li kieku kienu Stati Membri, fid-dawl tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni ta' Schengen. Dawn se jipparteċipaw fl-istrumenti skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament, bl-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali multiannwali tagħhom u bil-possibbiltà li japplikaw għal finanzjament taħt l-azzjonijiet tal-Unjoni eċċ. Bħal taħt il-Fond għall-Fruntieri Esterni, se jiġu konklużi arranġamenti speċifiċi biex jiġu speċifikati r-regoli supplimentari meħtieġa għall-parteċipazzjoni tagħhom (regoli li jiġu mir-Regolament Finanzjarju, ir-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu u t-Trattati, inkluża s-setgħa tal-awditjar tal-Qorti tal-Awdituri). Minħabba li dawn l-Istati se jikkontribwixxu għall-baġit tal-UE għaż-żewġ strumenti fi proporzjon mal-PDG tagħhom, l-arranġamenti se jiddeterminaw ukoll il-kontribuzzjonijiet li għandhom jiġu rċevuti minn dawn l-Istati bħala parti mill-kondivizzjoni ta' responsabbiltà fuq il-governanza ta' Schengen, u dan irrispettivament mid-daqs tal-allokkazzjonijiet tagħhom taħt l-istrumenti. Sal-lum, l-Istati assoċjati huma n-Norveġja, l-Islanda, l-Isvizzera u l-Liechtenstein.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rappurtar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Għal ġestjoni kondiviża huwa propost qafas ta' rappurtar, monitoraġġ u evalwazzjoni koerenti u effiċjenti. Għal kull programm nazzjonali, l-Istati Membri se jintalbu jwaqqfu Kumitat ta' Monitoraġġ li l-Kummissjoni tista' tipparteċipa fih.

Fuq bażi annwali, l-Istati Membri se jirrappurtaw dwar l-implimentazzjoni tal-programm multiannwali. Dawn ir-rapporti huma prekondizzjoni għal pagamenti annwali. Għal kontribuzzjoni fil-proċess ta' reviżjoni ta' nofs il-perjodu, dawn se jintalbu fl-2017 biex jipprovdu informazzjoni addizzjonali dwar il-progress li sar fil-ksib tal-għanijiet. Se jsir eżerċizzju simili fl-2019 biex jippermetti, fejn xieraq, aġġustamenti matul l-aħħar sena finanzjarja (2020).

B'appoġġ għall-iżvilupp ta' kultura bbażata fuq l-evalwazzjoni fil-qasam tal-affarijiet interni, il-Fondi se jkollhom qafas ta' evalwazzjoni u monitoraġġ komuni b'indikaturi marbuta ma' politika wiesgħa li jenfasizzaw l-approċċi orjentati lejn ir-riżultati tal-Fondi u r-rwol essenzjali li dawn jista' jkollhom fit-taħlit tal-politika biex jiksbu l-għan li jinħoloq spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Dawn l-indikaturi huma marbuta mal-impatt li jistgħu jagħmlu l-Fondi: l-iżvilupp ta' kultura komuni ta' sigurtà tal-fruntieri, kooperazzjoni tal-pulizija u ġestjoni tal-kriżi; ġestjoni effettiva tal-flussi ta' migrazzjoni fl-UE; solidarjetà u kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fl-indirizzar ta' kwistjonijiet ta' migrazzjoni u sigurtà interna u approċċ komuni tal-UE dwar il-migrazzjoni u s-sigurtà lejn pajjiżi terzi.

Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni adegwata tal-prinċipji dwar l-evalwazzjoni u filwaqt li tiġi kkunsidrata l-esperjenza Prattika bl-evalwazzjoni tal-Istati Membri taħt il-finanzjament attwali tal-UE fuq l-affarijiet interni, il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jaħdmu flimkien biex jiżviluppaw il-qafas komuni ta' evalwazzjoni u monitoraġġ, inter alia billi jiddefinixxu mudelli u indikaturi tal-prodott u r-riżultat komuni.

Il-miżuri kollha se jiġu stabbiliti fil-bidu tal-perjodu ta' programmar, biex b'hekk jippermettu lill-Istati Membri jwaqqfu s-sistemi ta' rappurtar u evalwazzjoni tagħhom abbażi tal-prinċipji u r-rekwiżiti maqbula.

Biex jitnaqqas il-piż amministrattiv u jiġu żgurati sinerġiji bejn ir-rappurtar u l-evalwazzjoni, l-informazzjoni meħtieġa għar-rapport ta' evalwazzjoni se tibni fuq l-informazzjoni provduta mill-Istati Membri fir-rapporti ta' implimentazzjoni annwali tal-programmi nazzjonali u tiffinalizzaha.

Fl-2018, il-Kummissjoni se tissottometti wkoll rapport dwar ir-reviżjoni ta' nofs il-perjodu mwettaq mill-programmi nazzjonali.

Fuq livell aktar globali, il-Kummissjoni se tippreżenta rapport intermedju dwar l-implimentazzjoni tal-Fondi sal-30.06.2018 u rapport ta' evalwazzjoni ex-post sat-30.06.2024, li jkopru l-implimentazzjoni sħiħa (jiġifieri mhux biss programmi nazzjonali taħt ġestjoni kondiviża).

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.2.1. Riskju(riskji) identifikat(i)

DĠ HOME ma kienx qed jiffaċċja riskji importanti ta' żbalji fil-programmi ta' nfiq tiegħu. Dan huwa kkonfermat mill-assenza rikorrenti ta' sejbiet sinifikanti fir-rapporti annwali tal-Qorti tal-Awdituri kif ukoll mill-assenza ta' rata ta' żball residwu 'l fuq minn 2% fis-snin li għaddew fir-rapporti annwali tal-attività tad-DĠ HOME (u qabel id-DĠ ĠLS).

Fil-ġestjoni kondiviża, ir-riskji ġenerali marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi attwali tista' taqa' prinċipalment fi tliet kategoriji:

- Riskju ta' użu mmirat ineffiċjenti jew insuffiċjenti ta' fondi;
- Żbalji li jiġu mill-kumplessità ta' regoli u dgħjufijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll;
- Użu ineffiċjenti ta' riżorsi amministrattivi (proporzjonalità limitata ta' rekwiżiti);

L-elementi speċifiċi li jikkonċernaw is-sistema tal-4 Fondi taħt il-Programm Ġenerali “Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni” huwa wkoll importanti li jissemew.

- Is-sistema ta' programmi annwali tiżgura li l-pagamenti finali jsiru regolarment abbażi ta' nefqa ċertifikata u awditjata. Madankollu, il-perjodu ta' eliġibbiltà tal-programmi annwali huwa skonness mis-sena finanzjarja tal-UE u l-katina ta' assigurazzjoni hija għalhekk mhux kompletament sodisfaċenti, minkejja sistema tqila ħafna.
- Ir-regoli tal-eliġibbiltà dettaljati huma stabbiliti mill-Kummissjoni. Dan jiżgura fil-prinċipju, l-omoġeneità tan-nefqa ffinanzjata. Madankollu, dan joħloq ukoll ammont ta' xogħol mhux meħtieġ għall-awtoritajiet nazzjonali u l-Kummissjoni u jżid ir-riskju ta' żbalji mill-benefiċjarji u/jew Stati Membri minħabba l-interpretazzjoni ħażina tar-regoli tal-UE.
- Is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll attwali huma qrib ħafna ta' dawn taħt il-Fondi Strutturali. Madankollu, dawn jippreżentaw differenzi żgħar, notevolment fil-katina ta' responsabbiltajiet bejn l-awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni u l-Awtoritajiet tal-Awditjar. Dan joħloq konfużjoni fl-Istati Membri, b'mod partikolari meta l-awtoritajiet qed jaġixxu fiż-2 tipi ta' Fondi. Dan iżid ukoll ir-riskju ta' żbalji u jeħtieġ aktar monitoraġġ intensiv.

Dawn l-elementi se jinbidlu b'mod sinifikanti f'din il-proposta:

- Is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll se jsegwu r-rekwiżiti ġenerali stabbiliti fil-Fondi tal-QSK u se jkunu konfomi kompletament mar-rekwiżiti ġodda tar-Regolament Finanzjarju ġdid: It-3 awtoritajiet se jiġu sostitwiti minn 2 awtoritajiet (Awtorità Responsabbli u Awtorità tal-Awditjar)
- L-ippogrammar multiannwali flimkien ma' approvazzjoni annwali abbażi tal-pagamenti li saru mill-Awtorità Responsabbli, se jallinjaw il-perjodu ta' eliġibbiltà mal-kontijiet annwali tal-Kummissjoni, mingħajr ma jżidu l-piż amministrattiv imqabbel mas-sistema attwali.
- Se jitwettqu kontrolli fuq il-post bħala parti mill-kontrolli tal-ewwel (1) livell, jiġifieri mill-Awtorità Responsabbli u se jappoġġjaw id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni annwali tagħha ta' assigurazzjoni.

- Il-kjarifika u simplifikazzjoni tar-regoli ta' eliġibbiltà kif ukoll l-armonizzazzjoni tagħhom ma' strumenti oħra ta' appoġġ finanzjarju tal-UE se jnaqqsu l-iżbalji li saru mill-benefiċjarji li jużaw l-għajnuna minn sorsi differenti. Dawn ir-regoli ta' eliġibbiltà se jiġu stabbiliti fuq livell nazzjonali, ħlief għal xi prinċipji bażiċi, simili għal dawk użati għall-Fondi tal-QSK.
- L-użu ta' opzjonijiet ta' spejjeż simplifikati huwa inkoraġġut, speċjalment għal għotjiet zġhar.

F'ġestjoni ċentralizzata, ir-riskji ewlenin huma dawn li ġejjin:

- Riskju ta' korrispondenza dgħajfa bejn il-proġetti rċevuti u l-prijoritajiet politiċi tad-DĠ HOME;
- Riskju ta' kwalità ħażina ta' proġetti magħżula u implimentazzjoni teknika ħażina tal-proġett, li jnaqqas l-impatt tal-programm; minħabba proċedura ta' selezzjoni inadegwata, nuqqas ta' kompetenzi jew monitoraġġ insuffiċjenti;
- Riskju ta' użu ineffiċjenti u mhux ekonomiku ta' fondi mogħtija, kemm għal għotjiet (kumplessità ta' rimborż għall-ispejjeż eliġibbli attwali flimkien ma' possibbiltajiet limitati biex jiġu kkontrollati l-ispejjeż eliġibbli fuq il-bank tax-xogħol) u għal akkwist (xi drabi numru limitat ta' dawk li jipprovdu servizzi ekonomiċi bl-għarfien speċjalizzat meħtieġ, li jinkludi possibbiltajiet insuffiċjenti biex jiġu mqabbla l-offerti fil-prezz);
- Riskju marbut mal-kapaċità ta' (speċjalment) organizzazzjonijiet iżgħar biex jikkontrollaw b'mod effettiv in-nefqa kif ukoll biex jiżguraw it-trasparenza ta' operazzjonijiet imwettqa.
- Ir-riskju għar-reputazzjoni tal-Kummissjoni li, jekk frodi jew attivitajiet kriminali huma skoperti; tista' tittieħed assigurazzjoni parzjali biss mis-sistemi ta' kontroll intern tal-pajjiżi terzi minħabba n-numru pjuttost kbir ta' kuntratturi u benefiċjarji eteroġeni, kollha joperaw is-sistema ta' kontroll proprja tagħhom, ħafna drabi zġhira fid-daqs.

Ħafna mir-riskji huma mistennija li jitnaqqsu grazzi għal immirar aħjar tal-proposti u l-użu ta' elementi simplifikati inklużi fir-Regolament Finanzjarju ġdid.

2.2.2. Metodu (metodi) ta' kontroll previst(i)

Ġestjoni kondiviża:

Fuq livell ta' Stat Membru, l-arkitettura proposta tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tirrappreżenta evoluzzjoni tal-istruttura fis-seħħ fl-2007-2013 u tippreserva ħafna mill-funzjonijiet imwettqa fil-perjodu attwali inklużi l-verifiki amministrattivi u fuq il-post, verifiki ta' sistemi ta' ġestjoni u kontroll u verifiki ta' proġetti ta' awditjar. Is-sekwenza ta' dawn il-funzjonijiet hija madankollu mibdula biex tirrendi l-kontrolli fuq il-post responsabbiltà ċara tal-Awtorità Responsabbli bħala parti integrali mill-preparazzjoni għall-approvazzjoni annwali tal-eżerċizzju tal-kontijiet.

Sabiex tiġi rinfurzata l-kontabilità, l-Awtoritajiet Responsabbli ikunu akkreditati minn entità tal-akkreditazzjoni nazzjonali li tieħu ħsieb is-superviżjoni kontinwa tagħhom. It-tnaqqis fin-numru ta' awtoritajiet – mhux aktar Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni u tnaqqis fin-numru ta' Fondi – huwa mistenni jnaqqas il-piż amministrattiv u jtejjeb il-possibbiltà għall-bini ta' kapaċità amministrattiva aktar b'saħħitha, iżda jippermetti wkoll diviżjoni aktar ċara ta' responsabbiltajiet.

Sal-lum, ebda stima affidabbli ma hija disponibbli fir-rigward tal-ispiża ta' kontrolli tal-Fondi ta' ġestjoni kondiviża fil-qasam tal-Affarijiet Interni. L-unika stima disponibbli hija marbuta mal-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni fejn l-ispejjeż ta' kompiti marbuta ma' kontrolli (fuq livell nazzjonali esklużi l-ispejjeż tal-Kummissjoni) huma proġettati madwar 2% tal-finanzjament totali amministrat fil-perjodu 2007-2013. 1% jiġi minn koordinazzjoni nazzjonali u preparazzjoni tal-programm, 82 % marbut mal-ġestjoni tal-programm, 4% maċ-ċertifikazzjoni 13% mal-awditjar.

Il-proposti li ġejjin se jżidu l-ispejjeż tal-kontroll:

- il-ħolqien u funzjonament ta' entità ta' akkreditazzjoni u inġenerali l-bidla tas-sistema;
- is-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' ġestjoni li takkumpanja l-kontijiet annwali;
- il-kontrolli fuq il-post li għandhom isiru mill-Awtorità Responsabbli;
- il-ħtieġa għal attività tal-awditjar addizzjonali mill-Awtoritajiet tal-Awditjar biex tiġi awditjata d-dikjarazzjoni ta' ġestjoni.

Hemm ukoll madankollu proposti li se jnaqqsu l-ispejjeż tal-kontroll:

- Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni se tispiċċa. Għalkemm il-funzjonijiet tagħhom se jiġu parzjalment trasferiti lill-Awtorità Responsabbli, dan jippermetti lill-Istati Membri jifrankwa parti sostanzjali tal-ispejjeż marbuta maċ-ċertifikazzjoni minħabba effiċjenza amministrattiva aħjar, ħtieġa mnaqqsa għal koordinazzjoni utnaqqis tal-kamp ta' applikazzjoni ta' awditjar;
- Il-kontrolli li għandhom isiru mill-Awtorità tal-Awditjar se jkunu aktar orjentati lejn l-eżekuzzjoni mill-ġdid (ta' kampjun) tal-kontrolli tal-ewwel (1) livell amministrattivi u fuq il-post imwettqa mill-Awtorità Responsabbli. Dan iħaffef il-proċedura ta' audi alteram patern u jiżgura li jitwettqu l-kontrolli kollha meħtieġa qabel is-sottomissjoni tal-kontijiet annwali;
- L-użu ta' spejjeż simplifikati se jnaqqas l-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi fuq il-livelli kollha, kemm għal amministrazzjonijiet u benefiċjarji;
- L-għeluq annwali, u l-limitazzjoni tal-perjodu għal approvazzjoni ta' konformità għal 36 xhar se jnaqqas il-perjodu taż-żamma ta' dokumenti għal finijiet ta' kontroll għal amministrazzjonijiet u benefiċjarji pubbliċi;
- It-twaqqif ta' flussi ta' komunikazzjoni elettronika bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jkun obbligatorju.

Ma' dawn iridu jiżdiedu l-elementi ta' simplifikazzjoni mniżżla taħt l-Artikolu 2.2.1 imsemmi qabel li se jikkontribwixxu wkoll għat-tnaqqis ta' piż amministrattiv għal benefiċjarji u għalhekk jirrappreżentaw tnaqqis simultanju ta' riskji ta' żbalji u ta' piż amministrattiv.

Għalhekk, globalment huwa mistenni li dawn il-proposti se jwasslu għal ridistribuzzjoni ta' spejjeż tal-kontroll minflok żieda jew tnaqqis. Huwa madankollu antiċipat li din ir-ridistribuzzjoni ta' spejjeż (fil-funzjonijiet kollha u minħabba l-arranġamenti tal-kontroll proporzjonati, ukoll fl-Istati Membri u l-programmi kollha) se tippermetti mitigazzjoni aktar effettiva tar-riskji u katina ta' assigurazzjoni aħjar u aktar rapida.

Fuq il-livell tal-Kummissjoni, l-ispiża tal-ġestjoni u kontrolli għal ġestjoni kondiviża mhijiex mistennija li tonqos fl-ewwel nofs tal-perjodu ta' programmar. Dan huwa l-każ l-ewwel nett minħabba li l-ammont u l-oqsma tal-politika kkonċernati minn ġestjoni kondiviża se jespandu meta mqabbla mal-perjodu attwali. Għalhekk iż-żamma tal-istess riżorsi diġà se teħtieġ titjib fl-effiċjenza. Barra minn hekk, l-ewwel snin se jiġu kkaratterizzati mill-kombinazzjoni ta' ħafna kompiti importanti li għandhom jitwettqu: għeluq tal-programmi 2007-2013 (l-aħħar rapporti tal-għeluq dovuti sal-31 ta' Marzu 2016), djalogi ta' politika u approvazzjoni tal-programmi nazzjonali multiannwali 2014-2020, it-twaqqif ta' approvazzjoni ġdida ta' sistema ta' kontijiet. Fit-tieni nofs tal-perjodu, ir-riżorsi potenzjali disponibbli se jintużaw biex titjeb l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ.

Ġestjoni ċentralizzata

Fir-rigward ta' ġestjoni ċentralizzata, il-Kummissjoni se tkompli tapplika s-sistema ta' kontroll attwali tagħha li hija komposta mill-elementi importanti li ġejjin: superviżjoni ta' operazzjonijiet mid-direttorati operazzjonali, il-kontroll ex ante mill-Unità tal-Baġit u l-Kontroll, il-Kumitat għall-Akkwist Intern (JPS/HPC), il-kontrolli ex post għal għotjiet jew l-awditjar mill-Kapaċità tal-Awditjar Intern u/jew is-Servizz tal-Awditjar Intern. Is-settur tal-kontroll ex post japplika "strateġija ta' detezzjoni" immirata lejn id-detezzjoni ta' massimu ta' anomaliji bil-ħsieb ta' rkupru ta' pagamenti eċċessivi. Abbażi ta' din l-istrateġija, l-awditjar jitwettaq fuq kampjun ta' proġetti magħżula kważi kompletament fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju.

Grazzi għal din il-kombinazzjoni ta' kontrolli ex ante u ex post kif ukoll kontrolli fuq il-bank tax-xogħol u awditjar fuq is-sit, fis-snin li għaddew ir-rata medja ta' żbalji residwi li tista' tiġi kwantifikata kienet inqas minn 2%. Għalhekk, is-sistema ta' kontroll intern kif ukoll l-ispiża tagħha hija kkunsidrata adegwata fid-DĠ HOME biex jinkiseb l-għan ta' rata ta' żbalji baxxa.

Madankollu, fi ħdan dan il-qafas, id-DĠ HOME se jkompli jesplora possibbiltajiet biex itejjeb il-ġestjoni u jżid is-simplifikazzjoni. B'mod partikolari, l-opzjonijiet simplifikati kollha mpoġġija għad-disponibbiltà fir-Regolament Finanzjarju ġdid se jintużaw kemm jista' jkun minħabba li huwa mistenni li dawn se jikkontribwixxu għat-tnaqqis ta' piż amministrattiv għal benefiċjarji u għalhekk jirrappreżentaw tnaqqis simultanju ta' riskji ta' żbalji u piż amministrattiv għal Kummissjoni.

Punti ġodda

Il-proposta tippredvi punti ġodda għal finanzjament tal-UE fil-qasam tal-affarijiet interni, eż. użu aħjar tal-kompetenzi li jeżistu fl-aġenziji tal-UE, l-iżvilupp tad-dimensjoni esterna u t-tiħiħ tal-mekkaniżmi ta' emerġenza.

Dawn se jeħtieġu metodi ta' ġestjoni u kontrolli ġodda għad-DĠ Home.

L-ammonti li se jkunu allokatu għal dawn il-punti ġodda għadhom mhumiex stabbiliti iżda mhuwiex probabbli li jkunu sinifikanti meta mqabbla mal-baġit globali tal-affarijiet interni. Madankollu, dan se jkun importanti ħafna għat-twaqqif tal-mezzi interni u arranġamenti ta' ħidma għal implimentazzjoni ta' dawn il-kompiti ġodda kmieni kemm jista' jkun fil-perjodu, f'konformità sħiħa mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda.

L-analiżi msemmija qabel turi b'mod ċar li, minkejja s-simplifikazzjonijiet kollha introdotti, il-livell ta' riżorsi umani meħtieġa għal implimentazzjoni tal-baġit miżjud tad-DĠ HOME jrid jiġi rinfurzat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jkunu megħjuna mill-persunal mid-DĠ li huwa diġà assenjat għal ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġie skjerat mill-ġdid fi ħdan id-DĠ, flimkien, jekk meħtieġ, ma' kwalunkwe

allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni taħt l-allokazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

Speċifika miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni eżistenti jew previsti

Barra mill-applikazzjoni tal-mekkaniżmi kollha regolatorji ta' kontroll, id-DĠ HOME se jfassal strateġija kontra l-frodi skont l-istrateġija ġdida tal-Kummissjoni kontra l-frodi (CAFS) adottata fl-24 ta' Ġunju 2011, sabiex jiġi żgurat inter alia li l-kontrolli interni tiegħu marbuta mal-ġlieda kontra l-frodi huma kompletament skont il-CAFS u li l-approċċ tiegħu ta' ġestjoni tar-riskju ta' frodi huwa ffukat biex jidentifika oqsma ta' riskju ta' frodi u reazzjonijiet adegwati. Fejn meħtieġ, se jitwaqqfu gruppi ta' netwerking u għodod tal-IT adegwati ddedikati biex janalizzaw każijiet ta' frodi marbuta mal-Fondi.

Fir-rigward ta' ġestjoni kondiviża, il-CAFS jidentifika b'mod ċar il-ħtieġa għall-proposti tal-Kummissjoni għar-regolamenti tal-2014-2020 li jitolbu lill-Istati Membri jpoġġu fis-seħħ miżuri għall-prevenzjoni kontra l-frodi li huma effettivi u proporzjonati għar-riskji ta' frodi identifikati. Il-proposta attwali tinkludi fl-Artikolu 5 rekwiżit ċar għall-Istati Membri għal prevenzjoni, individwazzjoni u korrezzjoni ta' irregolaritajiet u għar-rappurtar lill-Kummissjoni. Aktar dettalji fir-rigward ta' dawn l-obbligi se jkunu parti mir-regoli dettaljati dwar il-funzjonijiet tal-Awtorità Responsabbli kif previst fl-Artikolu 24 (5) (c).

Barra minn hekk, l-użu mill-ġdid ta' fondi li jiġu minn korrezzjoni finanzjarja abbażi ta' kummissjoni jew sejbiet mill-Qorti tal-Awdituri, ġie indikat b'mod ċar fl-Artikolu 41.

3. IMPATT FINANZJARJU PROĠETTAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura (intestaturi) tal-qafas finanzjarju multiannwali u intestatura (intestaturi) tal-baġit tan-nefqa affettwata(affettwati)

- Intestaturi tal-baġit tan-nefqa eżistenti

Fl-ordni tal-intestaturi ta' qafas finanzjarju multiannwali u intestaturi tal-baġit.

Intestatura ta' qafas finanzjarju multiannwali	Linja tal-baġit	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff. ²⁹	minn pajjiżi EFTA ³⁰	minn pajjiżi kandidati ³¹	minn pajjiżi terzi	fis-sens tal-Artikolu 18 (1) (aa) tar-Regolament Finanzjarju
3		Diff	LE	LE	LE	LE

- Intestaturi ġodda tal-baġit mitluba

Fl-ordni tal-intestaturi ta' qafas finanzjarju multiannwali u intestaturi tal-baġit.

Intestatura ta' qafas finanzjarju multiannwali	Linja tal-baġit	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru Intestatura 3	Diff./mhux -diff.	minn pajjiżi EFTA	minn pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	fis-sens tal-Artikolu 18 (1) (aa) tar-Regolament Finanzjarju
3	18 01 04 bb - Fond għas-Sigurtà Interna – Pulizija u Kriminalità - Assistenza teknika	Mhux Diff	LE	LE	IVA	LE
3	18 02 bb - Fond għas-Sigurtà Interna - Pulizija u Kriminalità	Diff	LE	LE	IVA	LE
3	18 01 04 cc - Fond għas-Sigurtà Interna – Fruntieri u Viżi - Assistenza teknika	Mhux Diff	LE	LE	IVA	LE
3	18 02 cc - Fond għas-Sigurtà Interna - Fruntieri u Viżi	Diff	LE	LE	IVA	LE

Kontribuzzjonijiet minn Pajjiżi terzi jikkonċernaw iż-żewġ komponenti tal-Fond għas-Sigurtà Interna.

²⁹ Diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati / Non-Dif = Approprjazzjonijiet nondifferenzjati

³⁰ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles

³¹ Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

Il-kriterji u l-metodu biex jiġu kkalkulati dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom jiġu nnegożjati bejn l-UE u l-Istati Assoċjati abbażi ta' proċedura separata. Billi jassumu perċentwali simili għal dawk użati attwalment taħt l-EBF, l-Istati Assoċjati jiġu msejħa biex jikkontribwixxu b'madwar EUR 210 miljun għall-komponent għal Fruntieri u l-Viża u b'madwar EUR 50 miljun għall-komponent ta' kooperazzjoni tal-pulizija.

3.2. Impatt proġettat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt proġettat fuq in-nefqa

EUR miljun (għal 3 punti decimale)

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali	Numru 3	Sigurtà u Ċittadinanza
---	----------------	------------------------

DĠ HOME			2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	Wara l-2020	TO
• Approprijazzjonijiet operazzjonali (prezzijiet attwali)											
18 02 bb Fond għas-Sigurtà Interna – Pulizija u Kriminalità	Impenji Pagamenti	(1a) (2a)	135.076 15.714	143.047 43.881	151.283 71.419	159.791 111.709	168.578 147.854	177.653 156.248	187.022 164.918		1,1 1,1
18 02 cc Fond għas-Sigurtà Interna - Fruentieri u Viżi	Impenji Pagamenti	(1a) (2a)	422.310 59.999	447.186 120.794	472.886 223.204	499.435 350.813	526.856 461.098	555.173 487.256	584.412 514.275	-	3,5 3,5
Approprijazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi³²											
18 01 04 bb Fond għas-Sigurtà Interna – Pulizija u Kriminalità			0.800	0.800	0.800	0.800	0.800	0.800	0.800		
18 01 04 cc Fond għas-Sigurtà Interna - Fruentieri u Viżi			1.700	1.700	1.700	1.700	1.700	1.700	1.700		

³² Għajjuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ tal-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (l-intestatura ta' qabel tal-“BA”), riċerka indiretta, riċerka diretta.

Approprijazzjonijiet TOTALI għad-DĠ HOME	Impenji	=1+1 a +3	559,886	592,733	626,669	661,726	697,934	735,326	773,934		4.6
	Pagamenti	=2+2 a +3	78,213	167,174	297,123	465,023	611,452	646,004	681,693	1.701,525	4.6

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali	5	“ Nefqa amministrattiva ”
---	----------	----------------------------------

Peress li hemm elementi komuni fl-implimentazzjoni tal-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni l-Fond għas-Sigurtà Interna bħal djalogu politiku ma' kull Stat Membru u minħabba li l-organizzazzjoni interna tad-DĠ HOME sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni ta' Fondi ġodda (kif ukoll l-għeluq tal-programmi ġestiti bħalissa)li jistgħu jevolvu, mhuwiex possibbli li tinqasam in-nefqa Amministrattiva bejn il-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni u l-Fond għas-Sigurtà Interna.

Għalhekk iċ-ċifri relatati mal-Intestatura 5 hawn taħt jikkorrispondu għan-nefqa amministrattiva totali meqjusa meħtieġa sabiex tiżgura l-ġestjoni taż-żewġ fondi mid-DĠ u m'hemm l-ebda totali ta' approprjazzjonijiet.

EUR miljun (għal 3 punti deċimali)

		2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	Wara l-2020	TO
DĠ: HOME										
• Riżorsi umani		20.841	20.841	20.841	20.841	20.841	20.841	20.841		1
• Nefqa amministrattiva oħra		0,156	0,159	0,162	0,165	0,168	0,172	0,175		
TOTAL DĠ HOME	DG TOTALI HOME	20.997	21.000	21.003	21.006	21.009	21.013	21.016		1

Approprjazzjonijiet TOTALI taħt INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali	(Impenji totali = Pagamenti totali)	20.997	21.000	21.003	21.006	21.009	21.013	21.016		1
---	-------------------------------------	---------------	---------------	---------------	---------------	---------------	---------------	---------------	--	----------

EUR miljun (għal 3 punti deċimali)

		2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020		TO
Approprjazzjonijiet TOTALI	Impenji	N/A	N/A	N/A	N/A	N/A	N/A	N/A	N/A	

taħt INTESTATURA 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali	Pagamenti									
--	-----------	--	--	--	--	--	--	--	--	--

3.2.2. *Impatt proġettat fuq approprjazzjonijiet operazzjonali*

– Il-proposta/inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– Il-proposta teħtiegħ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali kif spjegat hawn taħt:

Il-politika tal-Affarijiet Interni hija implimentata prinċipalment minn ġestjoni kondiviża. Filwaqt li l-prijoritajiet tal-infiq huma stabbiliti fuq il-livell tal-UE, il-ġestjoni attwali ta' kuljum tingħata lill-Awtoritajiet Responsabbli fuq livell nazzjonali. L-indikaturi u l-miri ta' prodotti komuni se jiġu deċiżi flimkien mill-Kummissjoni u l-Awtoritajiet Responsabbli bħala parti mill-programmi nazzjonali tagħhom, u approvati mill-Kummissjoni. Huwa għalhekk diffiċli li jiġu indikati l-miri għal prodotti sakem jiġu abbozzati, innegożjati u approvati l-programmi fl-2013/14.

Fir-rigward ta' ġestjoni ċentralizzata, huwa wkoll mhux possibbli għad-DĠ HOME li jipprovdi lista eżawrjenti għall-prodotti kollha li għandhom jiġu provduti permezz ta' intervent finanzjarju taħt il-Fondi, l-ispejjeż u numri medji tagħhom, kif mitlub minn din it-taqsim. M'hemm ebda għodod statistiċi bħalissa li jippermettu l-kalkulazzjoni ta' spejjeż medji sinifikanti abbażi tal-programmi attwali, u din id-definizzjoni preċiża tkun kontrarja għall-prinċipju li l-programm tal-futur għandu jipprovdi biżżejjed flessibbiltà biex jipprovdi għal adattament għal prijoritajiet politiċi bejn l-2014-2020. Dan japplika b'mod partikolari għal għajnuna u azzjonijiet ta' emerġenza f'pajjiżi terzi u dawk f'rabta magħhom.

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'EUR miljun (għal 3 punti deċimali)

Indika l-għanijiet u prodotti			Sena N		Sena N+1		Sena N+2		Sena N+3		... daħħal snin kemm meħtiegħ biex turi t-tul tal-impatt (ara punt 1.6)						TOTAL				
	PRODOTTI																				
↓	Tip ta' output ³³	Spiża medja tal-output	Numru totali ta' outputs	Spiża	Numru totali ta' outputs	Spiża	Numru totali ta' outputs	Spiża	Numru totali ta' outputs	Spiża	Numru totali ta' outputs	Spiża	Numru totali ta' outputs	Spiża	Numru totali ta' outputs	Spiża	Numru totali ta' outputs	Spiża	Numru totali ta' prodotti	Kost totali	
GĦAN SPEĊIFIKU NRU 1... ³⁴																					
- Prodott																					

³³ l-outputs huma prodotti u servizzi li għandhom jiġu provduti (pereżempju: numru ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, numru ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).
³⁴ Kif deskritt fit-Taqsim 1.4.2. "Għan(ijiet) speċifiku(ċi)..."

- Prodott																		
- Prodott																		
Subtotal għal għan speċifiku N°1																		
GĦAN SPEĊIFIKU NRU 2...																		
- Prodott																		
Subtotal għal għan speċifiku N°2																		
SPIŻA TOTALI																		

3.2.3. Impatt proġettat fuq approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

- Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi
- Il-proposta teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi kif spjegat hawn taħt:

Peress li hemm elementi komuni fl-implimentazzjoni tal-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni l-Fond għas-Sigurtà Interna bħal djalogu politiku ma' kull Stat Membru u minħabba li l-organizzazzjoni interna tad-DĠ HOME sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni ta' Fondi ġodda (kif ukoll l-għeluq tal-programmi ġestit bħalissa) li jistgħu jevolvu, mhuwiex possibbli li tinqasam in-nefqa Amministrattiva bejn il-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni Fund u l-Fond għas-Sigurtà Interna.

Għalhekk iċ-ċifri relatati mal-Intestatura 5 hawn taħt jikkorrispondu għan-nefqa amministrattiva totali meqjusa meħtieġa sabiex tiżgura l-ġestjoni taż-żewġ fondi mid-DĠ u m'hemm l-ebda totali ta' approprjazzjonijiet.

EUR miljun (għal 3 punti deċimali) **HOME**

INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali³⁵	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	TOTAL
Riżorsi umani HOME	20.841	20.841	20.841	20.841	20.841	20.841	20.841	145,887
Nefqa amministrattiva oħra	0,156	0,159	0,162	0,165	0,168	0,172	0,175	1,157
Subtotal INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali	20.997	21.000	21.003	21.006	21.009	21.013	21.016	147.044

Barra mill-INTESTATURA 5³⁶ tal-qafas finanzjarju multiannwali³⁷	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	TOTAL
Riżorsi umani HOME	0.640	0.640	0.640	0.640	0.640	0.640	0.640	4.480
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	1.860	1.860	1.860	1.860	1.860	1.860	1.860	13.020

³⁵ Pakkett globali bbażat fuq l-Allokazzjoni Finali tal-2011 għar-Riżorsi Umani, inklużi uffiċjali u persunal estern

³⁶ Għajnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'apport tal-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (l-intestatura ta' qabel tal-"BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

³⁷ Persunal estern mill-intestaturi tal-BA ta' qabel, abbażi tal-Allokazzjoni Finali tal-2011 għar-Riżorsi Umani, inkluż il-persunal estern fil-Kwartieri Ġenerali u fid-Delegazzjonijiet

Subtotal INTESTATURA 5 tal- qafas finanzjarju multiannwali	2.500	2.500	2.500	2.500	2.500	2.500	2.500	17.500
---	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	---------------

TOTAL	N/A	N/A	N/A	N/A	N/A	N/A	N/A	N/A
--------------	------------	------------	------------	------------	------------	------------	------------	------------

3.2.3.2. Rekwiżiti proġettati tar-riżorsi umani

- Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani
- Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:
Figuri użati għas-sena n huma dawk għall-2011.

Peress li hemm elementi komuni fl-implimentazzjoni tal-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni l-Fond għas-Sigurtà Interna bħal djalogu politiku ma' kull Stat Membru u minħabba li l-organizzazzjoni interna tad-DĠ HOME sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni ta' Fondi ġodda (kif ukoll l-għeluq tal-programmi ġestit bħalissa)li jistgħu jevolvu, mhuwiex possibbli li tinqasam in-nefqa Amministrattiva bejn il-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni Fund u l-Fond għas-Sigurtà Interna.

Għalhekk iċ-ċifri relatati mal-Intestatura 5 hawn taħt jikkorrispondu għan-nefqa amministrattiva totali meqjusa meħtieġa sabiex tiżgura l-ġestjoni taż-żewġ fondi mid-DĠ u m'hemm l-ebda totali ta' approprjazzjonijiet.

Stima li għandha tiġi espressa f'ammonti sħaħ (jew l-aktar għal punt deċimali wieħed)

	Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Sena N+4	Sena N+5	Sena N+6
• Karigi tal-Pjan ta' Stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji) HOME							
18 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	136	136	136	136	136	136	136
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)	15	15	15	15	15	15	15
18 01 05 01 (Riċerka indiretta)							
10 01 05 01 (Riċerka diretta)							
• Persunal estern (fl-unità Ekwivalenti Full Time) FTE)³⁸							
18 02 01 (CA, INT, SNE mill-“pakkett globali”)	16	16	16	16	16	16	16
XX 02 02 (CA, INT, JED, LA u SNE fid-delegazzjonijiet)	10	10	10	10	10	10	10
18 01 04 bb ³⁹	- fil-Kwartieri ġenerali ⁴⁰	4	4	4	4	4	4
	- fid-delegazzjonijiet	*	*	*	*	*	*
18 01 04	- fil-Kwartieri ġenerali	6	6	6	6	6	6

³⁸ CA = Aġent Kuntrattwali; INT= staff tal-aġenzija ("Intérimaire"); JED= "Jeune Expert en Délégation" (Esperti Żgħażaġħ fid-Delegazzjonijiet); LA = Aġent Lokali; SNE= Espert Nazzjonali Ssekondat;

³⁹ Taħt il-limitu għal personal estern minn approprjazzjonijiet operazzjonali (l-intestaturi ta' qabel tal-“BA”).

⁴⁰ Essenzjalment għall-Fondi Strutturali, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew għas-Sajd (FES).

⁴¹ Taħt il-limitu għal personal estern minn approprjazzjonijiet operazzjonali (l-intestaturi ta' qabel tal-“BA”).

	- fid-delegazzjonijiet	*	*	*	*	*	*	*
XX 01 05 02 (CA, INT, SNE – Riċerka indiretta)								
10 01 05 02 (CA, INT, SNE – Riċerka diretta)								
Oħrajn 13 01 04 02)								
TOTAL		N/A	N/A	N/A	N/A	N/A	N/A	N/A

XX hija l-qasam tal-politika jew it-titolu tal-baġit ikkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu meġħjuna mill-persunal mid-DĠ li huma diġà assenjati għal ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġew skjerati mill-ġdid fi ħdan id-DĠ, flimkien, jekk meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni taħt l-allokkazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji. Ammonti u imputazzjonijiet se jkunu aġġustati fil-każ ta' kwalunkwe proċess ta' esternalizzazzjoni lil Aġenzija Eżekuttiva.

Deskrizzjoni ta' kompiti li għandhom jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji fil-kwartieri ġenerali	<p>Il-kompiti li għandhom jitwettqu jinkludu l-kompiti meħtieġa kollha għall-ġestjoni ta' programm finanzjarju bħal:</p> <ul style="list-style-type: none"> - il-provvista ta' input fil-proċedura baġitarja; - it-tweqqif tad-djalogu ta' politika mal-Istati Membri; - il-preparazzjoni ta' programmi ta' ħidma/deċizzjonijiet ta' finanzjament annwali, l-istabbiliment ta' prioritajiet annwali, l-approvazzjoni ta' programmi nazzjonali; - il-ġestjoni ta' programmi nazzjonali, sejħiet għal proposti u sejħiet għal offerti u l-proċeduri ta' selezzjoni sussegwenti; - il-komunikazzjoni ma' partijiet interessati (benefiċjarji potenzjali/attwali, Stati Membri, eċċ); - l-abbozzar ta' linji gwida għall-Istati Membri - il-ġestjoni ta' proġetti, b' mod operazzjonali u finanzjarju; - l-eżekuzzjoni ta' kontrolli kif deskritt qabel (verifika ex ante, kumitat ta' akkwist, awditjar ex post, awditjar intern, approvazzjoni ta' kontijiet); - kontabilità; - l-iżvilupp u ġestjoni ta' għodod tal-IT għal ġestjoni ta' għotjiet u programmi nazzjonali; - monitoraġġ u rappurtar dwar l-ilħiq tal-għanijiet, inklużi fir-Rapporti tal-Attività Annwali u Rapporti tas-Sottodelega tal-Uffiċjal Awtorizzanti
Persunal estern	Il-kompiti huma simili għal dawk ta' uffiċjali u aġenti temporanji, ħlief għal kompiti li ma jistgħux jiġu ssodisfatti minn persunal estern
Persunal fid-delegazzjonijiet	Sabiex jakkumpanjaw l-iżvilupp tal-politika ta' implimentazzjoni tal-qasam tal-affarijiet interni u b' mod partikolari d-dimensjoni esterna tiegħu, id-delegazzjonijiet tal-UE se jeħtieġ li jkunu mġammra b' kompetenzi suffiċjenti tal-affarijiet interni. Dan jista' jkun persunal mill-Kummissjoni Ewropea u/jew is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.

⁴² Essenzjalment għall-Fondi Strutturali, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew għas-Sajd (FES).

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali

- Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju multiannwali li **imiss**.
- Il-proposta/inizjattiva se tinvolvi r-riprogrammazzjoni tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju multiannwali.

Spjega x'riprogrammazzjoni hija meħtieġa, billi tispeċifika l-intestaturi tal-baġit ikkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

- Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument tal-flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali⁴³.

Spjega dak li huwa meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-intestaturi tal-baġit ikkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. Il-kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

- Il-proposta/inizjattiva ma tipprovdi għall-kofinanzjament minn partijiet terzi
- Il-proposta tipprovdi li l-finanzjament Ewropew jeħtieġ li jiġi kofinanzjat. L-ammont eżatt ma jistax jiġi kwantifikat. Ir-regolament jistabbilixxi rati massimi ta' kofinanzjament differenzjali f'konformità mat-tipi ta' azzjonijiet:

Approprjazzjonijiet f' EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament	SM	SM	SM	SM	SM	SM	SM	
TOTAL approprjazzjonijiet kofinanzjati ta'	tbd	tbd	tbd	tbd	tbd	tbd	tbd	

⁴³ Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

3.3. Impatt smat fuq id-dħul

- Il-proposta/inizjattiva ma għandhiex impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta/inizjattiva għandha dan l-impatt finanzjarju li ġej:
 - fuq ir-riżorsi proprji
 - fuq id-dħul mixxellanju

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

Intestatura tad-dħul tal-baġit:	Appropjazzjon ijiet disponibbli għas-sena tal-baġit kontinwa	Impatt tal-proposta/inizjattiva ⁴⁴					...daħħal kolonni kemm meħtieġa sabiex tirrifletti t-tul ta' żmien tal-impatt (ara punt 1.6)		
		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3				
Artikolu									

Għal dħul mixxellanju assenjat, speċifika l-intestatura/i tan-nefqa tal-baġit affettwata/i.

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

⁴⁴ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, dazji fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 25 % tal-ispejjeż tal-ġbir.